SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

28 ta' April 2010 *

Fil-Kawża T-452/05,

Belgian Sewing Thread (BST) NV, stabbilita f'Deerlijk (il-Belġju), irrappreżentata minn H. Gilliams u J. Bocken, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Bouquet u K. Mojzesowicz, bħala aġenti,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

li għandha bħala suġġett talba intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 3452, tal-14 ta' Settembru 2005, relatata ma' proċedura taħt l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.337 — PO/Thread [Ħajt]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 3765, tat-13 ta' Ottubru 2005 u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-imsemmija deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-kumpens, skont ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità Ewropea, għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras, President, M. Prek (Relatur) u V. M. Ciucă, Imħallfin,

Reġistratur: J. Plingers, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' Diċembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1. *Is-suġġett tal-kawża*

1 Permezz tad-Deċiżjoni C(2005)3452, tal-14 ta' Settembru 2005, relatata ma' proċedura taħt l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.337 — PO/Thread [Ħajt], iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 3765, tat-13 ta' Ottubru 2005, u li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, tas-26 ta' Jannar (ĠU 2008 C 21, p. 10), il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkonstatat li r-rikorrenti, Belgian Sewing Thread (BST) NV, kienet ipparteċipat f'numru ta' akkordji u prattiki miftiehma fis-suq tal-ħajt industrijali, bl-esklużjoni tas-settur tal-karozzi, fil-pajjiżi tal-Benelux kif ukoll fid-Danimarka, fil-Finlandja, fl-Isvezja u fin-Norveġja (iktar 'il quddiem il-"pajjiżi nordiċi"), għall-perijodu minn Ġunju 1991 sa Settembru 2001.

2 Il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 0,979 miljun fuq ir-rikorrenti għall-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell li jikkonċerna s-suq tal-ħajt industrijali, bl-esklużjoni tas-settur tal-karozzi, fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi.

2. *Il-proċedura amministrattiva*

3 Fis-7 u fit-8 ta' Novembru 2001, il-Kummissjoni wettqet investigazzjonijiet, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), fl-istabbilimenti ta' diversi produtturi tal-ħajt. Dawn l-investigazzjonijiet irriżultaw minn informazzjoni pprovduta, f'Awwissu 2000, minn The English Needle & Tackle Co.

4 Fis-26 ta' Novembru 2001, Coats Viyella plc (iktar 'il quddiem "Coats") ressqet talba għall-klemenza skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem l-"avviż dwar il-kooperazzjoni", li magħha kien hemm mehmużin provi prodotti bl-għan li jipprovaw l-eżistenza tal-akkordji li ġejjin: fl-ewwel lok, akkordju fis-suq tal-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), fit-tieni lok, akkordju fis-suq tal-ħajt intiż għar-Renju Unit u fit-tielet lok, akkordju fis-suq tal-ħajt industrijali, bl-esklużjoni tas-settur tal-karozzi, fil-pajjiżi tal-Benelux kif ukoll il-pajjiżi nordiċi (iktar 'il quddiem l-"akkordju fis-suq tal-ħajt industrijali fil-Benelux u l-pajjiżi nordiċi").

5 Abbażi tad-dokumenti miġbura matul l-investigazzjonijiet u ta' dawk imressqa minn Coats, il-Kummissjoni għamlet talbiet għall-informazzjoni, lill-impriżi kkonċernati, f'Marzu u f'Awwissu 2003, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17.

6 Fil-15 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li bagħtet lil diversi impriżi minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom f'akkordju jew f'diversi akkordji msemmija fil-punt 4 iktar 'il fuq, fosthom dak fis-suq tal-ħajt industrijali fil-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. L-impriżi kollha kellhom aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, permezz ta' kopja fuq CD-ROM, li ntbagħtitilhom fis-7 ta' April 2004.

7 L-impriżi kollha destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

8 Fid-19 u fl-20 ta' Lulju 2004 inżammet seduta.

9 Fl-24 ta' Settembru 2004, matul is-seduta, il-partijiet ingħataw aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tar-risposti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u għall-osservazzjonijiet tal-partijiet, flimkien ma' terminu sabiex jagħmlu osservazzjonijiet oħra.

10 Fl-14 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

3. *Id-deċizjoni kkontestata*

Id-definizzjoni tas-suq inkwistjoni

11 Fid-deċiżjoni kkontestata, issir distinzjoni bejn il-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi minn naħa, u l-ħajt industrijali, bl-esklużjoni tas-settur tal-karozzi, min-naħa l-oħra. Fl-istess deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li s-suq tal-prodotti, li fir-rigward tagħhom ġie investigat il-ksur li bih ir-rikorrenti hija akkużata, huwa dak tal-ħajt industrijali.

12 Is-suq ġeografiku kkonċernat mill-ksur li bih ir-rikorrenti hija akkużata huwa dak tal-pajjiżi tal-Benelux u l-"pajjiżi nordiċi".

Id-daqs u l-istruttura tas-suq inkwistjoni

13 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-ammont ta' bejgħ fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi kien ta' bejn wieħed u ieħor EUR 50 miljun fis-sena 2000 u ta' bejn wieħed u ieħor EUR 40 miljun fis-sena 2004.

14 Il-Kummissjoni indikat ukoll li fl-aħħar tas-snin 90, il-fornituri prinċipali tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi kienu, b'mod partikolari, ir-rikorrenti, Gütermann AG (iktar 'il quddiem "Gütermann"), Zwicky & Co. AG (iktar 'il quddiem "Zwicky"), Amann und Söhne GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Amann"), Barbour Threads Ltd (iktar 'il quddiem "Barbour") qabel ma ġiet akkwistata minn Coats, u Coats.

Id-deskrizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur

15 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li l-ksur li bih ir-rikorrenti hija akkużata, relattiv għas-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, kien twettaq matul is-snin 1990 sa 2001.

16 Skont il-Kummissjoni, l-impriżi kkonċernati ltaqgħu mill-inqas darba fis-sena u dawn il-laqgħat kienu organizzati f'żewġ sessjonijiet, waħda dwar is-suq tal-pajjiżi tal-Benelux u l-oħra dwar dak tal-pajjiżi nordiċi, bl-għan prinċipali li l-prezzijiet jinżammu f'livell għoli f'kull wieħed minn dawn is-swieq.

17 Il-parteċipanti skambjaw listi tal-prezzijiet u informazzjoni dwar l-iskontijiet, dwar l-implementazzjoni taż-żieda fil-prezzijiet tal-katalgu, dwar tnaqqis tal-iskontijiet u dwar iż-żieda tal-prezzijiet speċjali li japplikaw għal ċerti klijenti. Ġew konklużi wkoll ftehim dwar il-listi tal-prezzijiet futuri, dwar ir-rata massima tal-iskontijiet, dwar it-tnaqqis tal-iskontijiet u dwar iż-żieda tal-prezzijiet speċjali li japplikaw għal ċerti

klijenti kif ukoll ftehim intiżi sabiex tiġi evitata kompetizzjoni bejniethom bi prezzijiet li jagħtu vantaġġ lill-fornitur regolari u sabiex il-klijenti jitqassmu bejniethom (deċiżjoni kkontestata, premessi 99 sa 125).

Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata

18 Fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li tmien impriżi, fosthom ir-rikorrenti, kienu kisru l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw f'numru ta' akkordji u ta' prattiki miftiehma fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u fil-pajjiżi Nordiċi, għall-perijodu minn Ġunju 1991 sa Settembru 2001, għal dak li jikkonċerna lir-rikorrenti.

19 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ġew imposti multi għall-akkordju fis-suq tal-ħajt industrijali fil-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, b'mod partikolari, lill-impriżi li ġejjin:

— Coats: EUR 15,05 miljun;

— Amann: EUR 13,09 miljun;

— ir-rikorrenti: EUR 0,979 miljun;

— Gütermann: EUR 4,021miljun;

— Zwicky: EUR 0,174 miljun.

20 Fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ordnat lill-impriżi msemmija sabiex jtemmu immedjatament il-ksur li kienet ikkonstatat, jekk kienu għadhom ma għamlux dan. Hija obbligathom ukoll sabiex joqogħdu lura milli jirrepetu kwalunkwe att imsemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u kull att jew prattika li għandu effett ekwivalenti.

4. *Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet*

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fis-27 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

22 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lill-Ħames Awla u, konsegwentement, il-kawża preżenti ġiet assenjata lilu.

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonċernaha;

— tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Kummissjoni timponi fuqha multa ta' EUR 0,979 miljun jew, sussidjarjament, tnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont ta' din il-multa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensaha għad-dannu subit, kif indikat fir-rikors;

— taħtar espert sabiex jiddetermina l-parti tad-dannu li għadha ma tistax tiġi kkwantifikata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors għal annullament;

— tiċħad ir-rikors għal kumpens għad-danni bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

25 Dan ir-rikors jinkludi, minn naħa, talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

5. *Fuq it-talba għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata għal dak li jikkonċerna lir-rikorrenti*

Osservazzjonijiet preliminari

26 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tal-ewwel motiv imressaq insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tallega li l-fatti li jikkostitwixxu l-ksur, li ma tikkontestax li wettqet, ma jistgħux jiġu assimilati mal-ksur "serju ħafna" li bih hija ġiet akkużata fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, hija ssostni li għandha ssir distinzjoni bejn il-ksur li tammetti li wettqet u l-ksur imwettaq mill-impriżi l-oħra. Essenzjalment, hija ssostni li l-ksur li wettqet ma jaqax taħt il-ksur uniku u kontinwu fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi previst fl-imsemmi Artikolu 1. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, permezz ta' dawn l-argumenti, ir-rikorrenti tikkontesta l-eżistenza tal-ksur li hija akkużata bih.

27 Madankollu, l-parti l-kbira tal-argumenti żviluppati mir-rikorrenti, fil-kuntest ta' dan il-motiv, tirrigwarda l-evalwazzjoni li l-Kummissjoni għamlet tal-gravità tal-ksur u tal-iffissar korrelatat tal-ammont tal-multa, fid-dawl tar-rwol individwali tar-rikorrenti f'dan il-ksur. Għaldaqstant, tali argument ma jirrigwardax l-eżistenza nnifisha tal-ksur, iżda huma intiżi sabiex jikkontestaw il-multa u l-ammont tagħha. Konsegwentement, dan l-argument ser jiġi analizzat fil-kuntest tal-motivi marbuta mal-annullament jew mat-tnaqqis tal-multa.

L-argumenti tal-partijiet

28 Għalkemm ir-rikorrenti ma timminax il-mertu tal-fatti msemmija fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, tal-15 ta' Marzu 2004, hija tikkontesta li l-fatti li hija akkużata bihom jistgħu jiġu assimilati mal-ksur imwettaq mill-impriżi li ħasbu u organizzaw l-imsemmi ksur. F'dan ir-rigward hija ssostni li l-akkordju ġie maħsub u organizzat mill-impriżi l-oħra mingħajr ma kienet involuta f'dawn l-operazzjonijiet.

29 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

30 Jeħtieġ li jiġi eżaminat l-argument tar-rikorrenti li ssostni, essenzjalment, li l-fatti li bihom hija akkużata ma jistgħux jitqiesu bħala li jaqgħu taħt il-ksur uniku u kontinwu fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi kkonstatat fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u li, għaldaqstant, dawn għandhom jiġu evalwati b'mod distint u speċifiku.

31 Qabel kollox, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fid-dawl tan-natura tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, kif ukoll tan-natura u l-grad ta' severità tas-sanzjonijiet marbutin miegħu, ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' dan il-ksur għandha natura personali. Fil-fatt, l-akkordji u l-prattiki miftiehma msemmija fl-Artikolu 81(1) KE neċessarjament jirriżultaw mill-kollaborazzjoni ta' diversi impriżi, li huma lkoll koawturi tal-ksur, iżda li l-parteċipazzjoni tagħhom tista' tieħu għamliet differenti, b'mod partikolari, skont il-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u l-pożizzjoni ta' kull impriża f'dan is-suq, l-għanijiet imfittxija u l-metodi ta' implementazzjoni magħżula jew maħsuba. Madankollu, is-sempliċi fatt li kull impriża tipparteċipa fil-ksur f'modi partikolari għaliha ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża r-responsabbiltà tagħha

għall-ksur kollu, inkluż l-aġir li jiġi implementat minn impriżi parteċipanti oħra li madankollu jkollu l-istess għan jew l-istess effett antikompetittiv (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punti 78 sa 80).

32 Għaldaqstant, impriża tista' tinżamm responsabbli għall-akkordju globali anki jekk jiġi stabbilit li ma pparteċipatx direttament ħlief f'xi wieħed jew iktar mill-elementi li jikkostitwixxuh peress li, minn naħa, hija kienet taf, jew kellha neċessarjament tkun taf, li l-kollużjoni li fiha kienet qiegħda tipparteċipa, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-laqgħat regolari organizzati matul diversi snin, kienet tagħmel parti minn pjan sħiħ intiż sabiex ifixkel l-andament normali tal-kompetizzjoni, u min-naħa l-oħra, li dan il-pjan kien ikopri l-elementi kollha li jikkostitwixxu l-akkordju (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-8 ta' Lulju 2004, Corus UK vs Il-Kummissjoni, T-48/00, Ġabra p. II-2325, punt 176). Bl-istess mod, il-fatt li diversi impriżi kellhom rwoli differenti sabiex jintlaħaq għan komuni ma jeliminax l-identità tal-għan antikompetittiv u, għaldaqstant, tal-ksur, sakemm kull impriża tkun ikkontribwixxiet, fil-livell tagħha, sabiex dan l-għan komuni jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, Ġabra p. II-491, punt 4123).

33 Fl-aħħar nett, peress li l-akkordji u l-prattiki miftiehma kkonstatati jagħmlu parti, minħabba l-għan identiku tagħhom, minn sistemi ta' laqgħat regolari, tal-iffissar tal-miri fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kwoti, sistemi li min-naħa tagħhom jagħmlu parti minn serje ta' sforzi tal-impriżi inkwistjoni li jsegwu għan ekonomiku wieħed, jiġifieri li jfixklu l-moviment tal-prezzijiet, ikun artifiċjali jekk dan l-aġir kontinwu, ikkaratterizzat minn għan waħdieni, jiġi diviż b'mod li jitqies bħala diversi ċirkustanzi distinti ta' ksur, meta dan huwa fil-fatt ksur uniku li seħħ b'mod progressiv kemm permezz ta' diversi akkordji u kif ukoll permezz ta' prattiki miftiehma. Impriża li pparteċipat f'tali ksur permezz ta' aġir attribwibbli lilha, li jaqa' taħt il-kunċetti ta' akkordju jew ta' prattika miftiehma b'għan antikompetittiv skont l-Artikolu 81(1) KE, u li kien intiż sabiex jikkontribwixxi għat-twettiq tal-ksur b'mod ġenerali, hija wkoll responsabbli, għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur, għall-aġir ta' impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur. Dan hu, fil-fatt, il-każ meta jkun ġie

stabbilit li l-impriża inkwistjoni kienet taf bl-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-parteċipanti l-oħra, jew li setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta li taċċetta r-riskju. Konklużjoni bħal din ma tikkontradixxix il-prinċipju li r-responsabbiltà għal tali ksur huwa ta' natura personali. Fil-fatt, hija tissodisfa kunċett mifrux ħafna fis-sistemi legali tal-Istati Membri dwar l-imputazzjoni tar-responsabbiltà għal ksur mwettaq minn diversi awturi skont il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur sħiħ li, f'dawn is-sistemi legali, ma huwiex meqjus li jmur kontra n-natura personali tar-responsabbiltà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 31 iktar 'il fuq, punti 82 sa 84).

34 Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk il-fatti li hija akkużata bihom ir-rikorrenti jagħmlux parti minn pjan sħiħ intiż sabiex ifixkel l-andament normali tal-kompetizzjoni fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi u, għaldaqstant, jekk jaqgħux taħt il-ksur uniku u kontinwu li jikkostitwixxi l-akkordju f'dan is-suq.

35 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tikkontestax li pparteċipat f'laqgħat dwar is-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. Hija lanqas ma timmina l-fatt li, matul dawn il-laqgħat, il-parteċipanti skambjaw listi tal-prezzijiet u informazzjoni dwar l-iskontijiet, dwar l-implementazzjoni taż-żieda fil-prezzijiet tal-katalgu, dwar tnaqqis tal-iskontijiet u dwar iż-żieda tal-prezzijiet speċjali li japplikaw għal ċerti klijenti, ikkonkludew ftehim dwar il-listi tal-prezzijiet futuri, dwar ir-rata massima tal-iskontijiet, dwar it-tnaqqis tal-iskontijiet u dwar iż-żieda tal-prezzijiet speċjali li japplikaw għal ċerti klijenti, intiżi sabiex tiġi evitata kompetizzjoni bejniethom bi prezzijiet li jagħtu vantaġġ lill-fornitur regolari u sabiex il-klijenti jitqassmu bejniethom, u stabbilixxew kuntatti intiżi sabiex iħeġġu fornituri li ma kinux jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat, sabiex jagħmlu dan.

36 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tirrikonoxxi li pparteċipat f'dawn il-laqgħat filwaqt li kienet taf li l-organizzaturi tagħhom kellhom l-intenzjoni li jinvolvuha f'akkordji antikompetittivi. Hija tiddikjara wkoll li kienet qed tistenna li l-Kummissjoni tikkonstata ksur li jikkonċernaha.

37 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata pparteċipat f'laqgħat li fihom ġew konklużi ftehim ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, sabiex tipprova suffiċjentement il-parteċipazzjoni tal-imsemmija impriża fl-akkordju. Ladarba l-parteċipazzjoni f'tali laqgħat tkun ġiet stabbilita, hija din l-impriża li trid tipprovdi l-provi li jistgħu jistabbilixxu li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat ma kellha l-ebda intenzjoni antikompetittiva, billi turi li hija kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qed tipparteċipa f'dawn il-laqgħat b'perspettiva differenti minn tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni, C-199/92 P, Ġabra p. I-4287, punt 155, u Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 31 iktar 'il fuq, punt 96). Ir-raġuni wara dan il-prinċipju tad-dritt hija li, peress li pparteċipat fl-imsemmija laqgħat mingħajr ma tbiegħdet pubblikament mill-kontenut tagħhom, l-impriża tat x'tifhem lill-parteċipanti l-oħra li hija kienet qed taqbel ma' dak li ġie deċiż fihom u li kienet se timxi miegħu. Dan jgħodd ukoll għall-parteċipazzjoni ta' impriża fl-implementazzjoni ta' akkordju uniku. Sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' impriża f'tali akkordju, il-Kummissjoni għandha tipprova li l-imsemmija impriża kellha l-intenzjoni li, permezz tal-aġir tagħha stess, tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni tal-parteċipanti kollha u li hija kienet taf bl-aġir maħsub jew implementat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew li hija setgħet b'mod raġonevoli tipprevedihom u li hija kienet lesta li taċċetta r-riskju (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 31 iktar 'il fuq, punt 87).

38 Madankollu, ir-rikorrenti ma wrietx li kienet indikat lill-kompetituri tagħha li kienet qiegħda tipparteċipa fl-imsemmija laqgħat b'perspettiva differenti minn tagħhom.

39 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq, jirriżulta li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod korrett li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-ksur uniku li twettaq fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi kif imsemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata.

40 Għaldaqstant, il-motiv li bih ir-rikorrenti tikkontesta li wettqet il-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

6. *Fuq it-talba għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata għal dak li jikkonċerna r-rikorrenti jew, sussidjarjament, għal tnaqqis tal-ammont tal-multa*

41 Ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, tliet motivi intiżi sabiex jikkontestaw il-multa u l-ammont tagħha. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-ksur inkwistjoni bħala wieħed "serju ħafna". It-tieni wieħed, li jinkludi erba' lmenti, jirrigwarda l-iffissar żbaljat tal-ammont inizjali u l-klassifikazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fit-tieni kategorija minħabba li ma ttieħdux inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq ikkoncernat, il-kapaċità ekonomika effettiva li toħloq effett ħażin fuq il-kompetizzjoni, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti meta mqabbla mal-impriżi l-oħra u s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja ta' din tal-aħħar, rispettivament. It-tielet wieħed huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata taċ-ċirkustanzi attenwanti. Ir-raba wieħed huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-kooperazzjoni.

Fuq il-motiv ibbażat fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tal-ksur bħala "serju ħafna"

L-argumenti tal-partijiet

42 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kklassifikat, b'mod żbaljat, il-ksur li hija akkużata bih, bħala "serju ħafna". Hija tikkritika lill-Kummissjoni li kkunsidrat li ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi li jirrigwardaw biss ir-rwol personali tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-rwol partikolari tagħha fil-ksur inkwistjoni u ċ-ċirkustanzi konkreti tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat dwar is-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li ma kellha assolutament l-ebda rwol fil-ħolqien u fl-organizzazzjoni tal-ksur inkwistjoni, li ma kellha l-ebda għan li, bil-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat, tikkonkludi akkordji antikompetittivi u li qatt ma implementat l-akkordji konklużi matul dawn il-laqgħat.

43 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

44 Qabel kollox, kif ġie osservat fil-kuntest tal-motiv li jirrigwarda l-kontestazzjoni tal-ksur u, b'mod partikolari, fil-punt 39 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod korrett li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi msemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata.

45 Imbagħad, il-ksur uniku u kontinwu fis-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, kien essenzjalment jinkludi l-iskambju bejn l-impriżi kkonċernati ta' informazzjoni sensittiva fuq il-listi tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet għal kull klijent, ftehim fuq l-għoli tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet immirati, l-evitar tal-kompetizzjoni bejniethom bi prezzijiet li jagħtu vantaġġ lill-fornitur regolari u t-tqassim tal-klijenti bejniethom. Prattiki bħal dawn jikkostitwixxu restrizzjoni orizzontali tat-tip "kartell tal-prezz" fis-sens tal-Linji gwida u għaldaqstant jikkostitwixxu min-natura tagħhom stess, ksur "serju ħafna". Konsegwentement, il-Kummissjoni ma żbaljatx meta kklassifikat tali ksur bħala wieħed "serju ħafna".

46 Fl-aħħar nett, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex tikkontesta l-gravità tal-fatti li bihom hija akkużata, jirrigwardaw ir-rwol individwali tagħha fil-ksur inkwistjoni u ma jistax, għalhekk, jimmina l-klassifikazzjoni ta' dan tal-aħħar bħala wieħed "serju ħafna". Fil-fatt, tali argumenti jirriżultaw minn konfużjoni bejn l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, li sservi sabiex jiġi ddeterminat l-ammont inizjali tal-multa u dik tal-gravità relattiva għall-parteċipazzjoni ta' kull impriża kkonċernata, u din l-aħħar kwistjoni għandha tiġi evalwata fil-kuntest tal-eventwali applikazzjoni ta' ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti.

47 L-argument tar-rikorrenti li l-ammont inizjali ġenerali tal-multa ffissat, b'mod korrelatat, mal-gravità ġenerali tal-ksur, għandu jkun marbut mal-parteċipazzjoni individwali ta' din tal-aħħar, għandu wkoll jiġi miċħud.

48 Fil-fatt, filwaqt li l-ammont inizjali tal-multa huwa ffissat skont il-ksur, il-gravità tiegħu hija ddeterminata b'riferiment għal numru ta' fatturi oħra, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-308/04 P, Ġabra p. I-5977, punt 71). Barra minn hekk, mil-Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skont l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) [KEFA] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida") jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur issir f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-gravità ġenerali hija evalwata biss skont l-elementi proprji tal-ksur, bħan-natura tiegħu u l-impatt tiegħu fuq is-suq, u fit-tieni stadju, l-evalwazzjoni tal-gravità relattiva hija adattata skont iċ-ċirkustanzi proprji tal-impriża kkonċernata li, barra minn hekk, twassal lill-Kummissjoni sabiex tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-eventwali ċirkustanzi aggravanti, iżda wkoll, skont il-każ, ċirkustanzi attenwanti. Dan il-pass jippermetti, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ksur fejn diversi impriżi huma involuti, li fl-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol differenti li kull impriża kellha u l-attitudni tagħha fil-konfront tal-Kummissjoni matul l-iżvolġiment tal-proċedura (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-12 ta' Lulju 2001, Tate & Lyle *et* vs Il-Kummissjoni, T-202/98, T-204/98 u T-207/98, Ġabra p. II-2035, punt 109). Għaldaqstant, anki jekk ir-rwol individwali tar-rikorrenti jitqies negliġibbli, xorta waħda ma jistax jimmina l-klassifikazzjoni tal-ksur uniku bħala wieħed "serju ħafna".

49 L-argument tar-rikorrenti li l-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat kienet tagħmel parti mill-prospettiva ta' bejgħ tal-impriża u li għaldaqstant, hija ma kellha ebda intenzjoni li tikkonkludi ftehim antikompetittivi, ma jistax jirnexxi. Fil-fatt, il-possibbiltà ta' bejgħ ma tista' bl-ebda mod tiġġustifika l-parteċipazzjoni fil-laqgħat b'għan antikompetittiv. Barra min hekk, hemm lok li l-argument tar-rikorrenti li l-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat kienet ukoll riżultat tal-pressjoni kbira li impriżi kkonċernati oħrajn għamlulha, għandu jiġi miċħud. Minn naħa, l-eżistenza ta'din l-allegata pressjoni ma taffettwax il-gravità tal-ksur li fih ir-rikorrenti pparteċipat. Min-naħa l-oħra, anki li kieku r-rikorrenti saritilha pressjoni, xorta waħda ma tistax tinvoka dan il-fatt, peress li setgħet tirrapporta l-imsemmija pressjoni lill-awtoritajiet kompetenti u tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 17, minflok tipparteċipa fl-attivitajiet inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tad-29 ta' Novembru 2005, Union Pigments vs Il-Kummissjoni, T-62/02, Ġabra p. II-5057, punt 63).

50 Bħala konklużjoni, il-motiv ibbażat fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tal-ksur bħala wieħed "serju ħafna", għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq l-iffissar żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa u l-ammont tal-multa, kif ukoll fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fit-tieni kategorija

L-argumenti tal-partijiet

51 Ġew invokati erba' lmenti insostenn tal-motiv ibbażat fuq l-iffissar żbaljat tal-ammont intizjali tal-multa u l-ammont tal-multa, kif ukoll fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fit-tieni kategorija. Huma jirrigwardaw in-nuqqas tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs żgħir tas-suq inkwistjoni, l-evalwazzjoni żbaljata tal-kapaċità ekonomika effettiva tar-rikorrenti li tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni, in-natura disproporzjonata tal-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti meta mqabbla ma dawk imposti fuq l-impriżi l-oħra u n-nuqqas tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-defiċit finanzjarju tagħha, rispettivament.

52 Fl-ewwel lok, ir-rikkorrenti tikkritika lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-daqs żgħir tas-suq inkwistjoni u, konsegwentement, li ffissat ammont inizjali tal-multa kbir ħafna fid-dawl tal-imsemmi daqs. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-daqs żgħir tas-suq tal-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi fiż-ŻEE meta ffissat l-ammont inizjali, għall-kalkolu tal-multi, għal EUR 5 miljun għal suq stmat EUR 20 miljun fl-1999. Madankollu, fir-rigward tas-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, il-Kummissjoni ffissat l-ammont inizjali, għall-kalkolu tal-multi, għal EUR 14-il miljun għal suq stmat EUR 40 miljun fl-2004.

53 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni żbaljat meta stmat is-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi għal EUR 40 miljun fl-2004 inkwantu ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-parti l-kbira tal-ħajt industrijali mibjugħ fiż-ŻEE inxtara minn operaturi li esportawh lejn impriżi stabbiliti barra miż-ŻEE. Hija ssostni li d-dħul mill-bejgħ li jirrappreżenta l-esportazzjonijiet tal-prodotti lesti kellu jitnaqqas mid-dħul mill-bejgħ ta' EUR 40 miljun u li għaldaqstant, is-suq inkwistjoni kellu jiġi stmat għal inqas minn EUR 20 miljun. Ir-rikorrenti tikkondludi

li, billi naqqset milli tieħdu inkunsiderazzjoni d-daqs żgħir ta' dan is-suq meta ffissat l-ammont inizjali għall-kalkolu tal-multi, il-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità. Barra minn hekk, hija tqis li d-deċiżjoni ma hijiex immotivata biżżejjed fuq dan il-punt.

54 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni li evalwat b'mod żbaljat, il-kapaċità ekonomika effettiva tagħha li toħloq dannu kbir lill-operaturi l-oħra, u partikolarment lill-konsumaturi. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni s-sehem tagħha fis-suq u d-"dħul mill-bejgħ li għandha fuq l-oġġetti kkonċernati".

55 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni targumenta, b'mod żbaljat, li l-kapaċità ekonomika effettiva tal-impriżi kkonċernati li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni, setgħet tiġi stmata abbażi tal-kunsinni magħmula fis-suq inkwistjoni. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni ma pprovditx provi insostenn tal-allegazzjoni tagħha li fuq is-suq inkwistjoni hija għandha saħħa fis-suq li jikkorrispondi għad-dħul mill-bejgħ li hija għandha fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. Hija ssostni li l-influwenza li l-impriżi għandhom fuq il-kompetizzjoni ma tistax tiġi stmata b'mod korrett, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni erba' ċirkustanzi speċifiċi li jikkaratterizzaw is-suq. Qabel kollox, il-parti l-kbira tal-ħajt mibjugħ fil-pajjiżi tal-Benelux u fil-pajjiżi nordiċi hija intiża li tiġi esportata immedjatament. Imbagħad, il-ħajt industrijali huwa kkummerċjalizzat b'mod intensiv. Barra minn hekk, ma jeżisti ebda ostaklu tekniku jew regolatorju għall-kummerċ tal-ħajt. Finalment, il-ħajt huwa faċli sabiex jiġi maħżun u ttrasportat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-eżistenza ta' dawn iċ-ċirkustanzi mingħajr, madankollu, ma qieset il-konsegwenzi tagħhom meta evalwat il-kapaċità ekonomika effettiva tagħha li tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni. It-tieni nett, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni is-sehem mis-suq tal-impriżi kkonċernati. It-tielet nett, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni li r-rikorrenti ma kinitx "integrata vertikalment" u li għaldaqstant ma kellhiex kapaċità ta' produzzjoni barra ż-ŻEE. Ir-raba' nett, ir-rikorrenti tirreferi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/759/KE, tal-5 ta' Diċembru 2001, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE (Każ

COMP/37.800/F3 — Brasseries luxembourgeoises) (ĠU L 2002 253, p. 21), fejn ammonti ferm iktar baxxi ġew applikati mill-Kummissjoni.

56 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tqis li l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha huwa ħafna ogħla meta mqabbel mal-ammonti inizjali tal-multi li ġew applikati għall-impriżi kkonċernati l-oħra u dan minħabba r-rwol differenti li kellha fil-ksur, id-daqs tal-impriżi kkonċernati l-oħra u s-saħħa fis-suq tagħhom li hija ikbar minn tagħha. Il-metodu ta' kalkolu applikat mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq ipoteżi mingħajr bażi u li ma hijiex immotivata li ssostni li hija kellha saħħa fis-suq li tikkorrispondi għad-dħul mill-bejgħ tagħha fis-suq inkwistjoni. Anki li kieku l-Kummissjoni setgħet, b'mod leġittimu, tillimita ruħha għall-imsemmi dħul mill-bejgħ, dan ġie kkunsidrat b'mod disproporzjonat meta mqabbel mal-elementi ta' evalwazzjoni l-oħrajn (jiġifieri l-integrazzjoni vertikali, il-kapaċità ta' produzzjoni fil-pajjiżi b'pagi baxxi u l-kwantità tal-importazzjonijiet li ġejjin minn dawn il-pajjiżi), u kien dan li ta lok għall-iffissar ta' ammont inizjali eċċessiv. Fl-aħħar nett ir-rikorrenti tirrileva li, anki wara li tiġi applikata r-regola tal-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ miksub matul is-sena ta' negozju preċedenti għal kull waħda mill-impriżi li pparteċipaw fil-ksur u wara t-tnaqqis marbut mal-kooperazzjoni, il-multa li ġiet imposta fuqha tirrappreżenta 8 % tad-dħul mill-bejgħ mondjali tagħha tal-2004, mentri l-multa imposta fuq "il-leader tas-suq" tirrappreżenta biss 1,1 % tad-dħul mill-bejgħ mondjali tiegħu.

57 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ssostni li l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha huwa manifestament għoli wisq, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha riflessa fid-dħul mill-bejgħ baxx tagħha.

58 Il-Kummissjoni tirrifjuta dawn l-argumenti kollha u titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

— Fuq l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs żgħir tas-suq inkwistjoni

59 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti essenzjalment issostni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq inkwistjoni u għaldaqstant iffissat ammont inizjali għall-kalkolu tal-multi li huwa disproporzjonat fir-rigward tal-imsemmi daqs.

60 Huwa importanti li qabel kollox jiġi rrilevat li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji ma jmorrux lil hinn mil-limiti ta' dak li hu xieraq u meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan maħsub. Fil-kuntest tal-kalkolu tal-multi, il-gravità tal-ksur għandha tiġi stabbilita skont numru ta' elementi u ma għandha tingħata importanza sproporzjonata lill-ebda element meta mqabbel ma' elementi ta' evalwazzjoni oħrajn. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jimplika, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha tiffissa l-multa b'mod proporzjonat għall-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u li għandha tapplika dawn l-elementi b'mod koerenti u oġġettivament iġġustifikat (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Ġabra p. II-3435, punti 226 sa 228).

61 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq inkwistjoni, għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista' timponi multi lill-impriżi li l-ammont tagħhom ma jaqbiżx 10 % tad-dħul mill-bejgħ miksub matul is-sena ta' negozju preċedenti minn kull waħda mill-impriżi li pparteċipaw fil-ksur. Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, f'dan il-limitu, dawn il-dispożizzjonijiet jipprovdu li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-gravità u t-tul tal-ksur. Barra minn hekk, skont il-Linji gwida, il-Kummissjoni għandha tiffissa l-ammont inizjali tal-multa skont il-gravità tal-ksur, fid-dawl tan-natura stess tal-ksur, tal-impatt konkret tiegħu fuq is-suq meta dan jista' jiġi evalwat u l-firxa tas-suq ġeografiku.

62 Għaldaqstant, la r-Regolament Nru 17, la r-Regolament Nru 1/2003 u lanqas il-Linji gwida ma jipprovdu li l-ammont tal-multi għandu jiġi ffissat direttament skont id-daqs tas-suq affettwat, peress li dan il-fattur rilevanti ma huwiex ħlief wieħed fost oħrajn. Konsegwentement, dan il-qafas legali, bħala tali, ma jimponix fuq il-Kummissjoni l-obbligu li din tieħu inkunsiderazzjoni d-daqs żgħir tas-suq tal-prodotti (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, Ġabra p. II-3137, punt 148).

63 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' ksur, huwa obbligu tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni numru kbir ta' elementi li n-natura u l-importanza tagħhom ivarjaw skont it-tip ta' ksur inkwistjoni u ċ-ċirkustanzi partikolari tal-ksur ikkonċernat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 120). Fost dawn l-elementi li jikkonfermaw il-gravità ta' ksur, il-possibbiltà li jiġi inkluż, skont il-każ, id-daqs tas-suq tal-prodott ma tistax tiġi esklużа.

64 Konsegwentement, jekk id-daqs tas-suq jista' jikkostitwixxi element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-gravità tal-ksur, l-importanza tiegħu tvarja skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-ksur ikkonċernat.

65 F'dan il-każ, il-ksur essenzjalment kien jinkludi l-iskambu bejn l-impriżi kkonċernati ta' informazzjoni sensittiva fuq il-listi tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet għal kull klijenti, fteħim fuq l-għoli tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet immirati, evitar tal-kompetizzjoni bejniethom bi prezzijiet li jagħtu vantaġġ lill-fornitur regolari u t-tqassim tal-klijenti bejniethom (premessi 99 sa 125 u 345 tad-deċiżjoni kkontestata). Prattiki bħal dawn jikkostitwixxu restrizzjoni orizzontali tat-tip "kartell tal-prezz" fis-sens tal-Linji gwida u għaldaqstant huma min-natura tagħhom stess, "serji ħafna". F'dan il-kuntest, id-daqs żgħir inkwistjoni, meta dan jiġi ppruvat, jkun biss ta' importanza minuri meta mqabbel mal-elementi l-oħra li jikkonfermaw il-gravità tal-ksur.

66 Fi kwalunkwe każ, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li l-Kummissjoni qieset li l-ksur kellu jiġi kkunsidrat bħala serju ħafna fis-sens tal-Linji gwida, li, għal każijiet

bħal dawn, jipprovdu li l-Kummissjoni tista' "tikkunsidra" ammont inizjali li jaqbeż EUR 20 miljun. F'dan il-każ, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qasmet l-impriżi kkonċernati f'diversi kategoriji skont l-importanza tagħhom fis-suq inkwistjoni. Mill-premessa 358 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ffissat biss ammont inizjali ta' EUR 14-il muljun għall-impriżi tal-ewwel kategorija, ta' EUR 5,2 miljun għal dawk li jaqgħu fit-tieni kategorija (f'dan il-każ, ir-rikorrenti), ta' EUR 2,2 miljun għal dawn inklużi fit-tielet kategorija u ta' EUR 0,1 miljun għal dawk tar-raba' kategorija. Minn dan jirriżulta li l-ammont inizjali li serva bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti kkorrisponda għall-ammont ferm inqas minn dak li, skont il-Linji gwida, il-Kummissjoni setgħet "tikkunsidra" għal ksur serju ħafna. Dan l-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa għandu t-tendenza li jikkonferma li effettivament ittieħed inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq tal-prodotti inkwistjoni.

67 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq inkwistjoni u għaldaqstant iffissat l-ammont inizjali għall-kalkolu tal-multi li huwa disproporzjonat fir-rigward tal-imsemmi daqs, għandu jiġi miċħud.

68 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni, b'mod żbaljat, li l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali inkisru meta ġie ffissat l-ammont inizjali tal-multa, minħabba l-allegata raġuni li, b'mod differenti mill-kalkolu magħmul għal dak li jikkonċerna l-ksur inkwistjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-daqs żgħir tas-suq tal-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi fiż-ŻEE u għaldaqstant iffissat ammont inizjali tal-multa pproporzjonat mad-daqs tal-imsemmi suq.

69 Fil-fatt, il-prinċipju ta' trattament ugwali jipprojbixxi li sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti jiġu trattati b'mod identiku, sakemm dan it-trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat. F'dan il-każ, l-akkordju fis-suq tal-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi fiż-ŻEE u dak fis-suq tal-ħajt industrijali fil-Benelux u l-pajjiżi nordiċi huma żewġ okkorrenzi ta' ksur differenti li jikkonċernaw swieq ta' prodotti u swieq ġeografiċi differenti. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tinsabx f'sitwazzjoni identika għal dik tal-impriżi kkonċernati

mill-akkordju fis-suq tal-ħajt intiż għall-industrija tal-karozzi fiż-ŻEE u għalhekk ma tistax tinvoka, b'mod validu, ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali f'dan ir-rigward.

70 Fit-tielet lok, l-argument tar-rikorrenti li, wara li jitnaqqsu l-esportazzjonijiet tal-prodotti lesti, id-daqs tas-suq inkwistjoni għandu jitnaqqas għall-ammont ta' EUR 20 miljun, ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, minn naħa, it-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw il-prodotti kkonċernati, inkorporati fil-prodotti lesti, li ġew esportati barra mis-suq inkwistjoni ġew effettivament imwettqa f'dan is-suq tal-aħħar u minħabba f'hekk, jagħmlu parti integrali mis-suq. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma weriet li l-esportazzjoni, barra mis-suq inkwistjoni, ta' prodotti lesti li jinkorporaw il-prodotti kkonċernati mibjugħa f'dan is-suq, tnaqqas id-daqs ta' dan tal-aħħar.

71 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, dan għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, mill-punti 65 u 66 iktar 'il fuq, jirriżulta neċessarjament li d-deċiżjoni kkontestata fiha biżżejjed informazzjoni għal dak li jikkonċerna l-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa.

72 Minn dak kollu li ntqal qabel jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs żgħir tas-suq inkwistjoni, għandu jiġi miċħud.

— Fuq l-ilment ibbażat fuq l-allegata evalwazzjoni żbaljata tal-kapaċità ekonomika effettiva tar-rikorrenti li tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni

73 Ir-rikorrenti essenzjalment issostni, b'mod żbaljat, li b'mod kuntrarju għal-Linji gwida tagħha, il-Kummissjoni ffissat l-ammont inizjali tal-multa b'mod indipendenti mid-dħul mill-bejgħ globali tagħha, li għaldaqstant ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika effettiva tal-impriżi kkonċernati li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni u li, konsegwentement, kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

74 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, sabiex jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-multa, il-Kummissjoni kkunsidrat qabel kollox in-natura stess tal-ksur, l-impatt konkret tiegħu fuq is-suq u l-firxa ġeografika tiegħu. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ksur imwettaq mill-impriżi kkonċernati kien wieħed "serju ħafna".

75 Imbagħad, il-Kummissjoni qieset neċessarju li tgħaddi biex tittratta b'mod differenti lill-impriżi li pparteċipaw fil-kartelli, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika effettiva tagħhom li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni, kif ukoll sabiex tiffissa l-multa f'livell li jiggarantixxi effett dissważiv suffiċjenti. Hija tenniet ukoll li kien neċessarju li tieħu inkunsiderazzjoni l-piż speċifiku tal-aġir illegali ta' kull impriża, u għalhekk tal-impatt reali tagħha fuq il-kompetizzjoni. Hija enfasizzat li kkunsidrat, bħala bażi sabiex tqabbel l-importanza relattiva tal-impriżi kkonċernati, id-dħul mill-bejgħ ta' kull waħda mill-impriżi fis-suq u għall-prodott ikkonċernat. Konsegwentement, hija qasmet l-impriżi f'erba' kategoriji. Amann u Coats, bi dħul mill-bejgħ ta' bejn EUR 14 u 18-il miljun ġew ikklassifikati fl-ewwel kategorija. Ir-rikorrenti, bi dħul mill-bejgħ ta' EUR 6 miljun ġiet ikklassifikata fit-tieni kategorija. Gütermann, Barbour u Bieze Stork BV, bi dħul mill-bejgħ ta' bejn EUR 2 u 4 miljun ġew ikklassifikati fit-tielet kategorija u Zwicky, bi dħul mill-bejgħ ta' EUR 0 sa 1 miljun, fir-raba' kategorija. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni ffissat ammont inizjali tal-multa, iddeterminat skont il-gravità tal-ksur, ta' EUR 14-il miljun għal Coats u Amann, ta' EUR 5,2 miljun għar-rikorrenti, ta' EUR 2,2 miljun għal Gütermann, Barbour u Bieze Stork u ta' EUR 0,1 miljun għal Zwicky (premessi 356 sa 358 tad-deċiżjoni kkontestata).

76 Fl-ewwel lok, sa fejn ir-rikorrenti ssostni li d-dħul mill-bejgħ tagħha fis-suq inkwistjoni ma kienx jippermetti li tiġi ddeterminata, fuq il-bażi tiegħu biss, il-kapaċità ekonomika effettiva tagħha li tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni u li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ globali tagħha, jiġifieri dak li hija għamlet mill-bejgħ kollu tal-ħajt industrijali li biegħet fil-livell mondjali, hemm lok li qabel kollox jitfakkar li, l-uniku riferiment espliċitu għad-dħul mill-bejgħ globali ta' impriża li pparteċipat fil-ksur taħt l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 23(2)

tar-Regolament Nru 1/2003 jirrigwarda l-limitu massimu li l-ammont ta' multa ma jistax jaqbeż. Sakemm tosserva dan il-limitu il-Kummissjoni tista', fil-prinċipju, tiffissa l-multa billi tibbaża ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ li tagħżel hi, skont il-bażi ġeografika u l-prodotti kkonċernati, mingħajr ma hija obbligata li tikkunsidra, b'mod preċiż, id-dħul mill-bejgħ globali jew dak miksub fis-suq ġeografiku jew fis-suq tal-prodotti inkwistjoni. Barra minn hekk, għalkemm il-Linji gwida ma jipprevedux il-kalkolu tal-multi skont dħul mill-bejgħ iddeterminat, huma lanqas ma jipprekludu li d-dħul mill-bejgħ miksub mill-impriżi kkonċernati fis-suq inkwistjoni jittieħed inkunsiderazzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multa, sabiex jiġu osservati l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u meta ċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu dan. Għaldaqstant, id-dħul mill-bejgħ jista' jkun rilevanti meta jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diversi elementi elenkati fil-punt 75 iktar 'il fuq, inklużi fir-raba' u s-sitt paragrafi tal-punt 1A tal-Linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi (sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tad-9 ta' Lulju 2003, Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, T-220/00, Ġabra p. II-2473, punti 82, u tad-29 ta' April 2004, Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, T-236/01, T-239/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, Ġabra p. II-1181, punt 195).

77 Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-iffissar tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni għandha l-libertà li tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ li tagħżel hi, sakemm dan ma jidhirx li ma jkunx raġonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Bl-istess mod, meta tiffissa l-ammont tal-multi, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tiżgura, f'każ fejn multi jiġu imposti fuq diversi impriżi involuti fl-istess ksur, li l-ammonti finali tal-multi jkunu jirriflettu d-differenzi kollha bejn l-impriżi kkonċernati fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom jew id-dħul mill-bejgħ rilevanti tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 312; sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tat-18 ta' Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, Ġabra p. II-2917, punt 166, u tal-4 ta' Lulju 2006, Hoek Loos vs Il-Kummissjoni, T-304/02, Ġabra p. II-1887, punt 84).

78 Fir-rigward tal-għażla li l-Kummissjoni għandha bejn dħul mill-bejgħ partikolari u/jew l-ieħor, il-ġurisprudenza ppreċiżat li, fl-analiżi, imwettqa bl-għan li jiġi ffissat l-ammont ta' multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, tal-kapaċità ekonomika effettiva tal-ħatja ta' ksur li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni, li tinvolvi evalwazzjoni tal-importanza reali ta' dawn l-impriżi fis-suq ikkonċernat, jiġifieri l-influwenza

tagħhom fih, id-dħul mill-bejgħ globali jagħti biss stampa inkompleta tas-sitwazzjoni reali. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li impriża b'saħħitha li jkollha numru kbir ta' attivitajiet differenti tkun preżenti biss b'mod inċidentali fis-suq speċifiku tal-prodotti. Bl-istess mod, ma jistax jiġi eskluż li impriża li għandha pożizzjoni importanti f'suq ġeografiku barra minn dak tal-Unjoni jkollha biss pożizzjoni dgħajfa f'dan is-suq tal-aħħar jew dak taż-ŻEE. F'każijiet bħal dawn, is-sempliċi fatt li l-impriża kkonċernata tikseb dħul mill-bejgħ globali kbir ma jfissirx neċessarjament li din teżerċita influwenza determinanti fis-suq affettwat (sentenzi tal-Qorti Ġenerali, Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 88, u tad-9 ta' Lulju 2003, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, T-224/00, Ġabra p. II-2597, punt 194). Huwa minħabba f'ħekk li, għalkemm huwa minnu li d-dħul mill-bejgħ ta' impriża fis-suq ikkonċernat ma jistax ikun determinanti sabiex jiġi konkluż li impriża tappartjeni għal entità ekonomika b'saħħitha, dan huwa, madankollu, rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-influwenza li din setgħet teżerċita fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Ġenerali, tad-29 ta' Novembru 2005, SNCZ vs Il-Kummissjoni, T-52/02, Ġabra p. II-5005, punt 65, u Union Pigments vs Il-Kummissjoni, punt 49 iktar 'il fuq, punt 152).

79 Għaldaqstant, il-parti tad-dħul mill-bejgħ li ġejja mill-bejgħ tal-merkanzija li hija s-suġġett tal-ksur hija tali li tagħti indikazzjoni tajba tad-daqs tal-ksur fis-suq ikkonċernat (sentenzi Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 91 u Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, punt 196). Fil-fatt, id-dħul mill-bejgħ li ġej mill-merkanzija li hija s-suġġett tal-ksur huwa tali li jagħti indikazzjoni tajba tar-responsabbiltà ta' kull impriża kkonċernata fis-suq inkwistjoni, peress li jikkostitwixxi element oġġettiv li jagħti kejl tajjeb tad-dannu li dan l-aġir li jikkostitwixxi ksur jikkawża lill-andament normali tal-kompetizzjoni u għalhekk jirrappreżenta indikatur tajjeb tal-kapaċità ta' kull impriża kkonċernata li toħloq ħsara lill-kompetizzjoni. F'dan il-każ, l-għażla tal-Kummissjoni li tirreferi għad-dħul mill-bejgħ fis-suq inkwistjoni sabiex tiddetermina l-kapaċità ta' kull impriża kkonċernata li toħloq ħsara kienet għaldaqstant koerenti u oġġettivament iġġustifikata.

80 Iċ-ċirkustanzi speċifiċi li r-rikorrenti invokat ma jistgħux jimminaw din il-konklużjoni. Fil-fatt, hemm lok li qabel kollox jitfakkar li l-akkordju ma kellux portata ġeografika

mondjali u li l-kompetizzjoni ristretta mill-ksur tillimita ruħha għas-suq tal-ħajt industrijali fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. Imbagħad, ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkunsidrat li d-dħul mill-bejgħ tal-impriżi kkonċernati fis-suq inkwistjoni inkluda d-dħul mill-bejgħ li huma kisbu għall-ħajt industrijali prodott f'pajjiżi li ma humiex il-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, iżda mibjugħ fis-suq inkwistjoni jew id-dħul mill-bejgħ li huma kisbu għall-ħajt industrijali inizjalment prodott fil-pajjiżi tal-Benelux jew il-pajjiżi nordiċi u sussegwentement esportat lejn pajjiżi oħra. Fl-aħħar nett, ir-raġunament tar-rikorrenti huwa kontradittorju inkwantu jippresupponi li d-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi kkonċernati jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex dawn jitqassmu f'diversi kategoriji u, min-naħa l-oħra, li d-dħul mill-bejgħ tal-impriżi kkonċernati fis-suq inkwistjoni jintgħażel sabiex jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-multa ta' kull waħda fosthom.

81 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ishma mis-suq tal-impriżi kkonċernati. Fil-fatt, għandu qabel kollox jiġi osservat li, fil-premessa 356 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni li tirrigwarda l-ishma mis-suq, ġeneralment, ma kinitx preċiża biżżejjed sabiex isir riferiment għaliha. Anki kieku, bħalma ssostni r-rikorrenti, l-informazzjoni pprovduta għal dak li jikkonċerna s-sehem tagħha tas-suq fil-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi kienet preċiża biżżejjed sabiex isir riferiment għaliha, jibqa' l-fatt, madankollu, li tali informazzjoni ma setgħetx tintuża minħabba l-insuffiċjenza ta' informazzjoni li tikkonċerna l-ishma mis-suq tal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ġustament irreferiet għad-dħul mill-bejgħ miksub fis-suq inkwistjoni li, fl-istadju tad-determinazzjoni tal-piż relattiv tal-parteċipanti fl-akkordju sabiex jitqassmu f'diversi gruppi, kien l-iktar wieħed li jirrifletti l-piż inkwistjoni ta' dawn l-impriżi.

82 Fit-tielet lok, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, b'mod differenti mill-impriżi l-oħra kkonċernati, ir-rikorrenti ma kinitx integrata vertikalment għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, il-Kummissjoni tista' tibbaża

l-evalwazzjoni tagħha tal-kapaċità ekonomika effettiva tal-awturi ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni, fuq l-informazzjoni dwar id-dħul mill-bejgħ u l-ishma mis-suq fis-suq ikkonċernat għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità ta' dan il-ksur u għall-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa. Madankollu, ċirkustanzi partikolari, bħall-karatteristiċi ta' dan is-suq, jistgħu jkunu tali li jnaqqsu kunsiderevolment in-natura sinjifikattiva ta' din l-informazzjoni u li jimponu, f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-influwenza tal-imprizi fis-suq, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatturi oħrajn rilevanti, b'mod partikolari, l-integrazzjoni vertikali u l-estent tal-firxa ta' prodotti (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-15 ta' Marzu 2006, Daiichi Pharmaceutical vs Il-Kummissjoni, T-26/02, Ġabra p. II-713, punti 61 u 63). Fil-fatt, għalkemm l-integrazzjoni vertikali u l-estent tal-firxa ta' prodotti jistgħu, skont il-każ, jikkostitwixxu elementi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-influwenza li impriża tista' teżerċita fis-suq u jikkostitwixxu indizji addizzjonali ta' din l-influwenza flimkien mal-ishma mis-suq jew id-dħul mill-bejgħ fis-suq ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, 27/76, Ġabra p. 207, punti 67 sa 72 u 78 sa 81), hemm lok li jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, l-argumenti li r-rikorrenti tibbaża fuq l-integrazzjoni vertikali tal-impriżi l-oħra kkonċernati, ma jurux li dawn tal-aħħar kellhom vantaġġi ta' kompetizzjoni partikolari u sinjifikattivi fis-suq inkwistjoni. Barra minn hekk, kif ġie enfasizzat fil-punt 80 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma werietx li d-dħul mill-bejgħ li kisbu l-impriżi l-oħra kkonċernati għall-ħajt industrijali prodott f'pajjiżi li ma humiex il-pajjiżi tal-Benelux u l-pajjiżi nordiċi, iżda mibjugħa fis-suq inkwistjoni, jew id-dħul mill-bejgħ li huma kisbu għall-ħajt industrijali inizjalment prodott fil-pajjiżi tal-Benelux jew fil-pajjiżi nordiċi u sussegwentement esportat lejn pajjiżi oħra, ma kinux inklużi fid-dħul mill-bejgħ tagħhom fis-suq inkwistjoni.

83 Fir-raba' lok, il-paragun li r-rikorrenti għamlet bejn id-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni "Brasseries luxembourgeoises" (punt 55 iktar 'il fuq) ma huwiex rilevanti. Fil-fatt, sabiex tiffissa l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni użat il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, fl-osservanza tar-Regolament Nru 17 u r-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll tar-regoli li hija stess imponiet fuqha nnifisha fil-Linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi. Barra minn hekk, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix fiha nnifisha bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tal-20 ta' Marzu 2002, LR AF 1998 vs Il-Kummissjoni, T-23/99, Ġabra p. II-1705, punt 234, u tat-8 ta' Lulju 2008, BPB vs Il-Kummissjoni, T-53/03, Ġabra p. II-1333, punt 275).

84 Għaldaqstant, hemm lok li dan l-ilment jiġi miċħud.

— Fuq l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-applikazzjoni ta' ammont inizjali manifestament kbir ħafna meta mqabbel ma' dak applikat għal impriżi oħra kkonċernati

85 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni, b'mod żbaljat, li l-ammont inizjali li ġie impost fuqha, jiġifieri EUR 5,2 miljun huwa disproporzjonat meta mqabbel mal-ammonti inizjali ffissati għall-kalkolu tal-multi imposti fuq impriżi oħra kkonċernati.

86 Minn naħa, kif ġie osservat fil-kuntest tal-ewwel ilment kien ġust li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni rreferiet għad-dħul mill-bejgħ miksub mill-impriżi kkonċernati fis-suq inkwistjoni, sabiex tiddetermina d-daqs relattiv tagħhom f'dan is-suq.

87 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li mil-Linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi jirriżulta li l-ammont inizjali kkunsidrat għall-ksur serju ħafna huwa bħala minimu EUR 20 miljun. Peress li l-ammonti inizjali tal-multa huma pproporzjonati skont id-differenza bejn l-impriżi kkonċernati u li, fid-dawl tal-elementi mfakkra fil-punt 74 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ffissathom f'livelli ferm inqas mill-minimu ffissat mil-Linji gwida, l-ebda ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ma jista' jiġi kkonstatat.

88 Fit-tieni lok, l-argument tar-rikorrenti li l-ammont inizjali u l-ammont finali tal-multa li ġiet imposta fuqha kienu irraġonevolment għolja meta mqabbla ma' dawk tal-multi imposti fuq impriżi oħra kkonċernati għandu wkoll jiġi miċħud. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tistax isostni, b'mod validu, li kien hemm trattament diskriminatorju jew sproporzjonat, peress li l-ammont inizjali tal-multa huwa ġġustifikat fid-dawl

tal-kriterju li l-Kummissjoni użat sabiex tevalwa l-importanza ta' kull impriża fis-suq rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza LR AF 1998 vs Il-Kummissjoni, punt 83 iktar 'il fuq, punt 304) u peress, ukoll, li l-ammont inizjali ta' EUR 5,2 miljun li ġie ffissat jikkorrispondi għal-limitu ħafna iżgħar minn dak stabbilit mil-Linji gwida għall-ksur "serju ħafna".

89 Barra minn hekk, kif ġie mfakkar fil-punt 77 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu tiżgura li l-ammonti finali tal-multi imposti fuq diversi impriżi involuti fl-istess ksur, jirriflettu kull differenza bejn l-impriżi kkonċernati fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom jew id-dħul mill-bejgħ rilevanti tagħhom.

90 Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 lanqas ma jeżiġu li, fil-każ fejn multi jiġu imposti fuq diversi impriżi involuti fl-istess ksur, l-ammont tal-multa imposta fuq impriża ta' daqs żgħir jew medju ma jkunx ikbar, bħala perċentwali tad-dħul mill-bejgħ, minn dak tal-multi imposti fuq impriżi ikbar. Fil-fatt, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li, kemm għall-impriżi ta' daqs żgħir jew medju kif ukoll għall-impriżi ta' daqs ikbar hemm lok li, sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-multa, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-gravità u t-tul tal-ksur. Sa fejn il-Kummissjoni timponi, fuq l-impriżi involuti fl-istess ksur, multi ġġustifikati, għal kull waħda minnhom, meta mqabbla mal-gravità u mat-tul tal-ksur, hija ma tistax tiġi kkritikata li, għal xi wħud minnhom, l-ammont tal-multa huwa ikbar, meta mqabbel mad-dħul mill-bejgħ, minn dak ta' impriżi oħrajn (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2006, Westfalen Gassen Nederland vs Il-Kummissjoni, T-303/02, Ġabra p. II-4567, punt 174).

91 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq, ma jistax jiġi konkluż, b'mod validu, li l-ammont inizjali, l-ammont ta' bażi u l-ammont finali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti huma disproporzjonati.

92 Għaldaqstant, hemm lok li dan l-ilment jiġi miċħud.

— Fuq l-ilment ibbażat fuq l-iffissar ta' ammont inizjali eċċessiv fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tar-rikorrenti

93 L-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq in-natura eċċessiva tal-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha u r-riskju li l-multa twassal sabiex hija ma tibqax teżisti għandu jiġi miċħud.

94 Fil-fatt, l-ammont inizjali tal-multa jikkostitwixxi biss ammont intermedjarju li, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' metodu stabbilit mil-Linji gwida, huwa mbagħad adattat skont it-tul tal-ksur u ċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti kkonstatati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 95). Minn dan isegwi li s-sempliċi fatt li l-ammont inizjali tal-multa jirrappreżenta 32 % tad-dħul mill-bejgħ globali tar-rikorrenti fl-2001, ma jippermettix li jiġi konkluż li din hija eċċessiva.

95 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta tkun qed tiffissa l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tikkunsidra d-defiċit finanzjarju ta' impriża, peress li r-rikonoxximent ta' tali obbligu jwassal sabiex jingħata vantaġġ kompetittiv inġustifikat lill-impriżi l-inqas adattati għall-kundizzjonijiet tas-suq (sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, punt 77 iktar 'il fuq, punt 327, u SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, punt 48 iktar 'il fuq, punt 105; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 1983, IAZ International Belgium *et* vs Il-Kummissjoni, 96/82 sa 102/82, 104/82, 105/82, 10 8/82 u 110/82, Ġabra p. 3369, punti 54 u 55).

96 Barra minn hekk, anki li kieku miżura meħuda minn istituzzjoni twassal għal-likwidazzjoni ta' impriża, tali likwidazzjoni tal-impriża fl-għamla legali inkwistjoni tagħha, għalkemm tista' tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-propretarji, azzjonisti jew detenturi ta' azzjonijiet, ma tfissirx madankollu li l-elementi personali, materjali u immaterjali rrapreżentati mill-impriża għandhom jitilfu huma wkoll

il-valur tagħhom (sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 372).

97 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li l-motiv ibbażat fuq l-iffissar żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa u tal-ammont tal-multa kif ukoll tal-klassifikazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fit-tieni kategorija għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata taċ-ċirkustanzi attenwanti

L-argumenti tal-partijiet

98 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li qatt ma implementat u lanqas qatt ma kellha l-intenzjoni li timplementa l-akkordji konklużi matul il-laqgħat.

99 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni ma evalwatx, b'mod effettiv, l-aġir individwali tagħha.

100 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li n-"nuqqas ta' implementazzjoni fil-prattika tal-ftehim jew prattiċi illeċiti" huwa kkonfermat min-nuqqas ta' trażmissjoni tat-"tariffi reali" tagħha u mit-trażmissjoni tal-listi tat-"tariffi ta' bażi fittizji". F'dan ir-rigward hija ssostni li hija tinnegozja u tikkonkludi akkordji dwar prezzijiet max-xerrejja tagħha biss fuq bażi individwali u li, għaldaqstant, ma toffrix tnaqqis fuq il-prezzijiet tal-katalgu mibgħut lill-klijenti. Hija tallega li la tapplika u lanqas tipprovdi l-listi interni tal-prezzijiet ħlief fil-kuntest tar-relazzjoni li għandha mal-intermedjarji (aġenti u distributuri) tagħha. It-tqabbil bejn il-prezzijiet ta' bażi fittizji, minn naħa, u l-prezzijiet realment mitluba lill-klijenti tagħha kif ukoll il-listi tal-prezzijiet ipprovduti lill-aġenti

tagħha, min-naħa l-oħra, juri b'mod ċar in-nuqqas ta' konnessjoni bejn dawn it-tipi ta' prezzijiet.

101 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li ma kinitx adottat l-aġir tagħha fir-rigward tal-prezz fis-suq skont il-listi tat-"tariffi ta' bażi fittizji" li hija kkomunikat. Hija tqis li weriet, bis-sostenn taċ-ċifri, li l-iżvilupp tal-prezzijiet effettivament mitluba minnha kien totalment indipendenti mill-iżvilupp tat-tariffi ddistribwiti matul il-laqgħat, u dan matul il-perijodu mill-1994 sal-2001. Hija tirrileva wkoll li t-tentattiv ta' żieda ta' 3,5 % għall-kunsinni lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, li bihom il-Kummissjoni tikkritikaha, ma huwiex riżultat ta' wieħed mill-allegati akkordji konklużi matul il-laqgħa, tad-19 ta' Settembru 2000 f'Budapest, iżda ta' regolament f'dan is-sens tal-Federazzjoni Belġjana tat-Tessuti (Febeltex). Bl-istess mod, iż-żieda fil-prezzijiet ta' 6 % applikata fl-Isvezja ma tirrigwardax ħlief il-ħajt tan-najlon u hija sempliċement dovuta għaż-żieda fil-valur tal-isterlina Brittanika.

102 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li billi naqsitilha biss 15 % tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rwol tagħha kien konsiderevolment iktar limitat *ratione temporis* inkwantu hija bdiet tipparteċipa fid-diskussjonijiet li jikkonċernaw il-pajjiżi nordiċi biss fl-1997. Il-Kummissjoni lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li hija kienet l-unika waħda mill-impriżi kkonċernati li la ħasbet u lanqas organizzat il-ksur inkwistjoni u li bdiet tipparteċipa fil-laqgħat dwar il-pajjiżi tal-Benelux biss fl-1991. Għaldaqstant, ir-rikorrenti hija sorpriża li l-istess perċentwali ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa ngħata lil Bieze Stork li saħansitra pparteċipat fid-diskussjonjiet dwar il-pajjiżi tal-Benelux sa mill-bidu tal-ksur inkwistjoni. Ir-rikorrenti tenfasizza li pparteċipat biss għal madwar 85 % tal-laqgħat dwar il-pajjiżi tal-Benelux, 35 % tal-laqgħat dwar il-pajjiżi nordiċi u medja ta' 60 % tat-tul kollu tal-ksur inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

103 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha u titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

104 Fil-punt 3 tagħhom, il-Linji gwida jipprovdu għal tnaqqis tal-ammont ta' bażi tal-multa għal "ċirkustanzi li jiskużaw il-gravità" bħan-nuqqas ta' implementazzjoni fil-prattika tal-akkordji kollużivi, ir-rwol esklużivament passiv jew emulattiv fil-ksur, it-tmiem tal-ksur hekk kif tintervjeni l-Kummissjoni u ċirkustanzi oħra li ma humiex espliċitament imsemmija.

105 L-ewwel nett, għandu jiġi eżaminat l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tan-nuqqas ta' implementazzjoni fil-prattika tal-akkordji kollużivi allegat mir-rikorrenti.

106 Fl-ewwel lok, għal dak li jikkonċerna l-argument tar-rikorrenti li hija kkomunikat biss tariffi ta' bażi fittizji lill-impriżi kompetituri, għandu jitfakkar li din pprovdiet żewġ serje ta' listi ta' prezzijiet filwaqt li sostniet li l-ewwel serje ta' listi, jiġifieri dawk li kienet għaddiet lill-parteċipanti tal-akkordju matul il-laqgħat, kienu jinkludu tariffi ta' bażi fittizji u li t-tieni serje kien fihom it-tariffi reali tagħha. Bl-istess mod, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-listi tat-tariffi reali jinkludu diversi tariffi għal kul tip ta' ħajt, indikati fi tmien kolonni, filwaqt li l-listi tat-tariffi ta' bażi allegatament fittizji jinkludu biss tariffa ta' bażi waħda għal kull tip ta' ħajt, indikata fl-ewwel kolonna.

107 Għandu jiġi kkonstatat li l-ammonti inklużi fl-ewwel kolonna taż-żewġ serje ta' listi tat-tariffi reali u tat-tariffi ta' bażi allegatament fittizji, rispettivament, huma kważi identiċi. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti sostniet li kien biss il-prezz reali indikat fit-tmien kolonna li kien rilevanti.

108 Hemm lok li jiġi rrilevat, bħalma tagħmel il-Kummissjoni, li fil-listi ta' tariffi reali, diversi tipi ta' ħajt ma jinkludu l-ebda tariffa indikata fit-tmien kolonna, iżda biss

it-tariffi ta' bażi indikati fl-ewwel erba' kolonni. Għaldaqstant, jidher diffiċili li jiġi aċċettat li kienu biss it-tariffi indikati fit-tmien kolonna li kienu rilevanti. Barra minn hekk, mill-fajl tal-Kummissjoni jirriżulta li d-diversi tariffi kienu applikati skont il-kwantitajiet ordnati. Għalhekk, it-tariffi kienu jvarjaw skont il-piż tal-prodotti (pereżempju, it-tariffi għall-ħajt għall-basktijiet tal-poliester, indikati fl-ewwel kolonna, kienu jikkorrispondu għal piż ta' 10 kilos, it-tariffi indikati fit-tieni kolonna kienu jikkorrispondu għal piż ta' 25 kilo, eċċ.) jew skont l-unità tal-ippakkjar tal-prodotti (pereżempju, it-tariffi għall-poliamide, indikati fl-ewwel kolonna, kienu jikkorrispondu għall-kwantitajiet ordnati, li kienu iżgħar minn unità tal-ippakkjar, it-tariffi indikati fit-tieni kolonna kienu jikkorrispondu għall-kwantitajiet ordnati li huma l-istess bħall-iżgħar unità tal-ippakkjar, eċċ.). Minn dan jista' jiġi dedott li t-tariffa indikata fl-ewwel kolona hija, fir-realtà, dik ikkomunikata għall-kategorija ta' xirjiet żgħar u għaldaqstant ma hijiex fittizja. Anki li kieku, bħalma ssostni r-rikorrenti, it-tariffi indikati fir-raba' kolonna kienu jidhru fuq il-listi tat-tariffi reali tas-sena 2001 sempliċiment bħala "referenza storika", xorta waħda jibqa' l-fatt, minn naħa, li dawn it-tariffi ma kinux purament fittizji u, min-naħa l-oħra, li ma jistax jiġi eskluż li, minn dawn it-tariffi ta' bażi indikati fl-ewwel kolonna, l-impriżi kompetituri setgħu jieħdu idea tat-tariffi applikabbli għall-ordnijiet ikbar. Għalhekk, jista' jiġi kkunsidrat li l-listi ta' prezzijiet ikkomunikati mir-rikorrenti lill-impriżi kompetituri ma kinux fittizji, iżda sempliċement impreċiżi jew inkompleti.

109 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ġustament tikkonkludi, fil-premessa 170 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti ma werietx in-natura fittizja tat-tariffi ta' bażi tagħha indikati fl-ewwel kolonna.

110 F'dan ir-rigward, l-argument tar-rikorrenti, sostnut mill-istudji mehmużin mal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-prezzijiet applikati għall-klijenti tagħha kienu inqas minn dawk diskussi matul il-laqgħat, ma huwiex biżżejjed sabiex jimmina l-konklużjoni tal-Kummissjoni ċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma ċaħdet l-eżistenza ta' differenza fil-prezzijiet effettivament applikati mir-rikorrenti għall-klijenti tagħha u dawk diskussi matul il-laqgħat, iżda hija ġustament enfasizzat li din id-differenza ma kinitx sorprendenti peress li kull fornitur kien jagħti skontijiet lill-klijenti tiegħu.

111 Fit-tieni lok, għal dak li jikkonċerna l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq in-nuqqas ta' implementazzjoni tal-ftehim konklużi matul il-laqgħat, għandu jiġi eżaminat jekk l-argumenti mqajma mir-rikorrenti humiex tali li jistabbilixxu li, matul il-perijodu li fih ir-rikorrenti ħadet sehem fil-ftehim li jikkostitwixxu ksur, hija effettivament astjeniet ruħha milli timplementahom billi adottat aġir kompetittiv fis-suq jew, talinqas, b'mod ċar u sostanzjali, ma osservatx l-obbligi intiżi għall-implementazzjoni ta' dan l-akkordju b'tali mod li fixklet il-funzjonament tiegħu stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Daiichi Pharmaceutical vs Il-Kummissjoni, punt 82 iktar 'il fuq, punt 113).

112 F'dan il-każ, hemm lok li, qabel kollox, jitfakkar li l-Kummissjoni stabbilixxiet, suffiċjentement skont il-liġi, li r-rikorrenti kienet ipparteċipat f'diversi laqgħat talakkordju u f'laqgħat bilaterali, kif ukoll ipparteċipat b'mod interattiv f'diversi prattiki kollużivi msemmija mid-deċiżjoni kkontestata.

113 Imbagħad, għal dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li hija qatt ma segwiet jew implementat dak li rriżulta mil-laqgħat akkużati, mill-premessi 139(b) u 143 taddeċiżjoni kkontestata jirriżulta li f'żewġ okkażjonijiet hija kienet ħabbret li għolliet il-prezzijiet tagħha.

114 Minn naħa, fil-premessa 139(b) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li, matul il-laqgħa li nżammet fi Praga fit-8 ta' Settembru 1998, ir-rikorrenti kienet informat lill-oħrajn li kienet għolliet il-prezzijiet tagħha b'6 % fir-rigward taddistributur tagħha fl-Isvezja. Ir-rikorrenti tiċħad li implementat din iż-żieda fir-realtà iżda ma tiġġustifikax id-dikjarazzjoni tagħha ħlief bis-sempliċi fatt li l-prezz li kien realment japplika fl-Isvezja baqa' ma nbidilx matul il-perijodu 1997-1998. Tali spjegazzjoni ma hijiex konvinċenti peress li r-rikorrenti stess iddikkjarat, kemm fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-andament ġenerali tas-suq beda serjament sejjer lura mill-1992 sal-2002. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li l-prezzijiet kellhom normalment jonqsu. Min dan isegwi li l-istabbiltà tal-prezzijiet applikati mir-rikorrenti fl-Isvezja pjuttost turi li dawn ġew miżmuma f'ċertu livell b'mod artifiċjali u, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni konvinċenti minn naħa

tar-rikorrenti, tippermetti li jiġi preżunt li din tal-aħħar implementat, għall-inqas parzjalment, xi wħud mill-akkordji konklużi.

115 Min-naħa l-oħra, mill-premessa 143 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li kien ġie konkluż akkordju matul il-laqgħa, tad-19 ta' Settembru 2000 f'Budapest, intiż li jgħolli l-prezzijiet b'3,5 % għall-kunsinni lejn il-Pajjiżi l-Baxxi fl-2001, żieda li r-rikorrenti kienet l-ewwel waħda li implementat. Hija ma tikkontestax li fil-fatt għolliet l-imsemmija prezzijiet b'3,5 %.

116 Madankollu, ir-rikorrenti ssostni, b'mod żbaljat, li l-imsemmija żieda twettqet wara li, f'Ottubru 2000, saret talba mill-Febeltex, sabiex il-prezzijiet jiġu mgħollija b'5 %. Fil-fatt, fil-premessa 170 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat li din il-ġustifikazzjoni ma kinitx rilevanti peress li kien hemm indizji suffiċjentement konsistenti li juru l-kuntrarju ta' dan. Qabel kollox, il-ftehim kien jipprevedi żieda fil-prezzijiet ta' 3,5 % bejn Jannar u Marzu 2001. Madankollu, ir-rikorrenti ma tikkontestax li applikat tali żieda mill-1 ta' Jannar 2001. Imbagħad, l-ittra ta' Febeltex għandha data posterjuri għal dik tal-akkordju. Fl-aħħar nett, iż-żieda applikata mir-rikorrenti kienet ta' 3,5 % u mhux ta' 5 %.

117 F'dawn iċ-ċirkustanzi r-rikorrenti ssostni, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni kellha tirrikonoxxilha ċirkustanza attenwanti bbażata fuq in-"nuqqas ta' implementazzjoni fil-prattika tal-ftehim".

118 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq ir-rwol allegatament passiv jew emulattiv tagħha fit-twettiq tal-ksur inkwistjoni, għandu jiġi kkunsidrat bħala infondat.

119 Fil-fatt, hemm lok li jitfakkar li rwol passiv jimpika l-adozzjoni ta' approċċ "low-profile" mill-impriża kkonċernata, jiġifieri nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva fl-elaborazzjoni

ta' akkordji antikompetittivi (sentenza Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 167).

120 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fost l-elementi tali li jistgħu jiżvelaw ir-rwol passiv ta' impriża fi ħdan akkordju, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura sostanzjalment iktar sporadika tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat meta mqabbla ma' dik tal-membri ordinarji tal-akkordju, kif ukoll id-dħul tardiv tagħha fis-suq li kien is-suġġett tal-ksur, indipendentement mit-tul tal-parteċipazzjoni tagħha f'dan il-ksur, jew ukoll l-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet espressi f'dan is-sens magħmula minn rappreżentanti ta' impriżi terzi li jkunu pparteċipaw fil-ksur (sentenzi Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 168; Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punt 331 u Union Pigments vs Il-Kummissjoni, punt 49 iktar 'il fuq, punt 126).

121 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, preċiżament, il-parteċipazzjoni iktar sporadika tar-rikorrenti u ta' Bieze Stork fil-laqgħat dwar il-pajjiżi nordiċi meta tat lil kull waħda minnhom tnaqqis ta' 15 % tal-ammont bażiku tal-multa (premessa 372 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-fatt, ir-rikorrenti u Bieze Stork ħadu sehem fid-diskussjonijiet dwar il-pajjiżi nordiċi biss sa mis-sena 1997 u s-sena 1998 rispettivament.

122 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti invokat, b'mod żbaljat, ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali minħabba l-allegata raġuni li Bieze Stork ibbenefikat mill-istess perċentwali ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa minkejja li din tal-aħħar ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni mill-bidu. Ir-raġunament tar-rikorrenti jirriżulta minn konfużjoni bejn il-kwistjoni tat-tul tal-ksur u dik dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti. Fir-rigward tat-tul tal-ksur inkwistjoni, il-Kummissjoni applikat perċentwali għall-ammonti inizjali tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti u fuq Bieze Stork proporzjonalment mat-tul tal-parteċipazzjoni rispettiva tagħhom fl-imsemmija ksur, jiġifieri 100 % għall-ewwel waħda u 115 % għat-tieni. Ir-rikorrenti għandha saħansitra inqas bażi sabiex tinvoka ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali inkwantu t-tnaqqis mogħti lir-rikorrenti huwa identiku għal dak ta' Bieze Stork minkejja li din tal-aħħar ħadet sehem fid-diskussjonijiet dwar il-ħajt industrijali fil-pajjiżi nordiċi sena warajha.

123 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma tistax issostni, b'mod validu, li l-prinċipju ta' proporzjonalità tal-multa nkiser minħabba r-raġuni li, allegatament, it-tnaqqis ta' 15 % mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti kien insuffiċjenti.

124 Qabel kollox, ir-rikorrenti rrikonoxxiet hija nnifisha, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li kienet preżenti għal madwar 85 % tal-laqgħat dwar il-pajjiżi tal-Benelux. Għaldaqstant, hija kienet preżenti għal parti kbira tal-laqgħat kollużivi u, abbażi ta' dan, hija ma tistax tinvoka ċirkustanza attenwanti relattiva għall-kwalunkwe rwol passiv. Barra minn hekk, il-fatt li pparteċipat biss għal 35 % tal-laqgħat dwar il-pajjiżi nordiċi u l-fatt li ma kinitx preżenti għal-laqgħat ħlief matul 60 % tat-tul kollu tal-ksur inkwistjoni, ma jbiddel xejn f'dan ir-rigward. Meta l-Kummissjoni tagħti tnaqqis għal tali ċirkustanza attenwanti, hija ma tistax tkun obbligata tuża kalkolu purament matematiku li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' perċentwali proporzjonat, b'mod dirett, mar-rata ta' parteċipazzjoni ta' kull impriża fil-laqgħat organizzati fil-kuntest tal-akkordju. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, ir-rata ta' 15 % mogħtija lir-rikorrenti għall-parteċipazzjoni tardiva tagħha fil-laqgħat dwar il-pajjiżi nordiċi tidher raġonevoli.

125 Imbagħad, il-fatt li r-rikorrenti bdiet tipparteċipa fil-ksur inkwistjoni wara t-tnehid tal-laqgħat ma jimplikax, għaldaqstant, li ma pparteċipatx fil-ħolqien jew fl-organizzazzjoni tal-imsemmi ksur. Fil-fatt, kif ġustament tenfasizza l-Kummissjoni, il-funzjonament tal-akkordju ma ġiex organizzat u deċiż biss matul l-ewwel laqgħat.

126 Fl-aħħar nett, kemm mill-premessa 139(e) tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jirriżulta li din ma kellhiex rwol purament passiv jew emulattiv. Fil-fatt, matul il-laqgħa tat-8 ta' Settembru 1998 fi Praga, kien hemm qbil, fuq talba ta' Amann, li r-rikorrenti tistabbilixxi kuntatti ma' Danfield sabiex tħeġġiġha tinfluwenza l-uniku importatur u distributur tagħha għall-Ġermanja u l-pajjiżi tal-Benelux, il-kumpannija Heinke, li kienet qiegħda titlob prezzijiet imnaqqsa ħafna. Ir-rikorrenti tirrikonoxxi li ma rrifjutatx fil-miftuħ li tissodisfa din it-talba u tiġġustifika dan bil-fatt li ma setgħetx tirrifjuta dan minħabba l-pożizzjoni dgħajfa tagħha fil-konfront ta' Coats u ta'Amann.

Madankollu, l-allegata pressjoni eżerċitata minn Coats u Amann fil-konfront tagħha, ma tista' bl-ebda mod tikkostitwixxi ġustifikazzjoni, peress li hija setgħet perfettament tirrapporta l-pressjoni li kienet suġġetta għaliha lill-awtoritajiet kompetenti u tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 17.

127 Barra minn hekk, fil-premessa 139(b) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li matul il-laqgħa tat-8 ta' Settembru 1998 fi Praga, ir-rikorrenti kienet informat lill-impriżi li pparteċipaw fiha li, fi Frar 1998, hija kienet għolliet il-prezzijiet applikabbli għad-distributur tagħha b'6 %. Ir-rikorrenti ma tikkontestax li kienet għaddiet tali informazzjoni. Barra minn hekk, hija ma timminax il-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fil-premessa 143 tad-deċiżjoni kkontestata li hija kienet l-ewwel waħda li applikat żieda fil-prezz ta' 3,5 % fid-Danimarka u fl-Isvezja.

128 Għandu jiġi ppreċiżat li l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti effettivament ikkuntattjatx lil Danfield jew jekk fir-realtà għollietx il-prezzijiet tagħha, u jekk kinitx l-ewwel waħda li għamlet dan, ma hijiex rilevanti f'dan il-każ, peress li r-rwol passiv jew le ta' impriża għandu jiġi ddeterminat biss mill-aġir tagħha matul il-laqgħat kollużivi.

129 F'dan ir-rigward, il-fatt li impriża, li l-parteċipazzjoni tagħha fi ftehim illegali skont l-Artikolu 81(1) KE ġiet stabbilita, ma tkunx aġixxiet fis-suq b'mod konformi mal-aġir miftiehem mal-kompetituri tagħha, ma jikkostitwixxix neċessarjament element li għandu jiġi kkunsidrat. Fil-fatt, impriża li minkejja l-ftehim mal-kompetituri tagħha ssegwi politika li tkun differenti minn dik miftiehma, tista' sempliċement tipprova tuża l-akkordju għall-vantaġġ tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Union Pigments vs Il-Kummissjoni, punt 49 iktar 'il fuq, punt 130).

130 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod korrett li r-rikorrenti ma kellhiex dritt tinvoka l-benefiċċju ta' ċirkustanza attenwanti bbażat fuq ir-rwol passiv jew emulattiv tagħha fil-ksur inkwistjoni.

131 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-kooperazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

132 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li t-tnaqqis ta' 20 % tal-ammont tal-multa, mogħti skont id-dispożizzjonijiet tal-punt D 2 tal-avviż dwar il-kooperazzjoni, huwa insuffiċjenti fid-dawl tal-fatturi li tqis li tista' tinvoka u li jirriżultaw espressament mid-deċiżjoni kkontestata. Hija ssostni li ma kkontestax il-mertu tal-fatti, li pprovdiet provi li għenu lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-ksur, li kienet sors (ta' spiss anki l-uniku sors) importanti ta' informazzjoni dwar il-fatti li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li pprovdiet l-informazzjoni li tistabbilixxi x'ġara f'numru kbir ta' laqgħat, bħall-kontenut essenzjali tal-ftehim ta' Zurich, tad-9 ta' Settembur 1997, u fl-aħħar nett, li kienet l-unika waħda li pprovdiet il-listi tal-prezzijiet li kienet irċiviet mill-kompetituri tagħha, u għalhekk għaddiet iktar informazzjoni minn dik li ġiet mitluba, flimkien ma' provi importanti. Hija għaddiet ukoll ħafna informazzjoni li biha tinkrimina lilha nnifisha u anki ssottomettiet il-kotba tal-kontijiet annwali tagħha, struttura kompleta tal-ispejjeż tagħha u tal-listi tal-prezzijiet interni tagħha. Għaldaqstant, il-kooperazzjoni estremament kbira tagħha kellha tiġi kkumpensata permezz ta' tnaqqis ta' mill-inqas 40 %.

133 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li l-prinċipji ta' proprozjonalità u ta' trattament ugwali inkisru billi t-tnaqqis ta' 20 % li ngħatatilha għall-kooperazzjoni tagħha fl-investigazzjonijiet hija għalkollox insuffiċjenti meta mqabbla ma' dik ta' 15 % mogħtija lil Amann, lil Gütermann u lil Zwicky minkejja li l-Kummissjoni kklassifikat l-informazzjoni pprovduta minn dawn it-tliet impriżi bħala inutli.

134 Il-Kummissjoni ssostni li diġà kisbet relattivament ħafna informazzjoni permezz tal-investigazzjonijiet u l-kooperazzjoni ta' Coats. Il-kontribuzzjoni tar-rikorrenti kienet, fil-parti l-kbira tagħha, dovuta għall-obbligu tagħha li tipproduċi d-dokumenti li ntalbulha fil-kuntest ta' talba valida għall-informazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-fatti li ttieħed inkunsiderazzjoni għat-tnaqqis tal-multa kien finalment relattivament limitat, peress li r-rikorrenti naqqset ir-rwol proprju tagħha. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma kkontestatx li t-tnaqqis kellu jkun bejn 10 % u 50 %, skont il-Titolu D tal-avviż dwar il-klemenza, li ċ-ċifra ta' 20 % kienet inkluża f'din l-iskala u li, peress li l-kooperazzjoni kienet limitata għal risposti għal talba valida għall-informazzjoni u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-fatti, it-tnaqqis ta' 20 % seta' jitqies bħala normali.

135 L-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali huwa infondat. Skont il-Kummissjoni, l-argumenti tar-rikorrenti għandhom pjuttost tendenza juru li t-tnaqqis ta' 15 % mogħti lit-tliet impriżi ċċitati iktar 'il fuq huwa illegali filwaqt li ħadd ma jista' jinvoka, favur tiegħu, illegalità mwettqa favur ħaddieħor. Fl-aħħar nett, hija tirrileva li r-rikorrenti ma tasalx sal-punt li tassimila l-kooperazzjoni tagħha ma' dik ta' Coats, iżda madankollu titlob li jingħatalha tnaqqis simili.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

136 Fl-avviż dwar il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni ddefiniet il-kundizzjonijiet li fihom l-impriżi li jikkooperaw magħha matul l-investigazzjoni tagħha fuq akkordju jkunu jistgħu jiġu eżentati mill-multa jew jibbenefikaw minn tnaqqis tal-ammont tal-multa li kieku kien ikollhom iħallsu (il-punt A 3 tal-avviż dwar il-kooperazzjoni).

137 Il-punt D tal-avviż dwar il-kooperazzjoni jipprovdi li:

"1. Meta impriża tikkoopera mingħajr mal-kundizzjonijiet esposti fil-[punti] B u C jiġu kollha sodisfatti, hija tibbenefika minn tnaqqis ta' bejn 10 sa 50 % tal-ammont tal-multa li kieku kien jiġi impost fuqha fin-nuqqas ta' kooperazzjoni.

2. Dan jista', b'mod partikolari, ikun il-każ jekk:

— qabel ma tintbagħat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, impriża tipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni, dokumenti jew provi oħrajn li jikkontribwixxu sabiex jikkonfermaw l-eżistenza tal-ksur kommess,

— wara li tkun rċeviet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, impriża tinforma lill-Kummissjoni li hija ma tikkontestax il-mertu tal-fatti li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-akkużi tagħha." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

138 F'dan il-każ, ir-rikorrenti ibbenefikat minn tnaqqis ta' 20 % tal-ammont tal-multa tagħha, skont il-punt D tal-avviż dwar il-kooperazzjoni.

139 Sabiex tiġġustifika l-evalwazzjoni tagħha, fil-premessa 393 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ssostni dan li ġej:

"BST pprovdiet lill-Kummissjoni provi li għenuha kunsiderevolment sabiex tistabbilixxi l-ksur u ppremettulha tagħmel dan b'mod iktar faċli. BST hija wkoll iċċitata fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala sors importanti tal-konklużjonijiet dwar il-fatti li waslet għalihom il-Kummissjoni. L-Anness 14 tar-risposta ta' BST għat-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni għenet lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi dak li sar matul numru kbir ta' laqgħat bħall-essenzjal tal-kontenut tal-akkordji tal-bidu tas-snin 90, il-kontenut tal-laqgħa ta' Vjenna u l-kontenut tal-ftehim ta' Zurich, tad-9 ta' Settembru 1997. BST kienet l-unika waħda li pprovdiet lill-Kummissjoni l-listi tal-prezzijiet li kienet irċiviet fiż-żmien tal-akkordji mal-kompetituri tagħha. Fl-ittra tagħha, tat-23 ta' April 2003, BST ma llimitatx ruħha li tipprovdi informazzjoni dwar il-fatti biss, iżda fil-punt 4.3 'Kontenut tad-diskussjonijiet matul il-laqgħat informali', hija effettivament ipprovdiet lill-Kummissjoni provi importanti."

140 Il-Kummissjoni rrilevat ukoll li, wara li rċiviet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ir-rikorrenti informatha li ma kinitx tikkontesta l-fatti li fuqhom huma bbażati l-akkużi tagħha (premessa 392 tad-deċiżjoni kkontestata).

141 Hemm ukoll lok li jiġi rrilevat li Amann, Gütermann u Zwicky ibbenifikaw minn tnaqqis ta' 15 % tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom. Fil-premessi 395 u 396 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġġustifikat dan it-tnaqqis permezz ta' żewġ raġunijiet. Minn naħa, dawn it-tliet impriżi kienu pprovdew informazzjoni, dokumenti u provi oħra li kkontribwixxew b'mod konkret sabiex jiġi stabbilit il-ksur, filwaqt li madankollu jiġi enfasizzat li l-informazzjoni pprovduta minn dawn l-impriżi ma setgħatx titqies bħala utli meta mqabbla ma' dik mogħtija mir-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, huma ma kkontestawx, b'mod sostanzjali, il-fatti li fuqhom il-Kummissjoni bbażat l-allegazzjonijiet tagħha.

142 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni pprovduta mill-membri ta' akkordju, huwa biss żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni li jista' jkun iċċensurat peress li hija tibbenefika minn marġni ta'

diskrezzjoni wiesgħa sabiex tevalwa l-kwalità u l-utilità tal-kooperazzjoni pprovduta minn impriża, b'mod partikolari, meta mqabbla mal-kontribuzzjonijiet ta' impriżi oħrajn (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C 328/05P, Ġabra p. I-3921, point 88). Għaldaqstant, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, hija ma tistax tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali.

143 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni setgħetx, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali u mingħajr ma taqbeż il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, tagħti tnaqqis ta' 20 % tal-multa lir-rikorrenti abbażi tal-kooperazzjoni tagħha.

144 Fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni, mogħtija fil-premessa 393 tad-deċiżjoni kkontestata, ma joħolqu ebda konfużjoni fir-rigward tal-portata estiża ħafna tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva. Qabel kollox, din il-kooperazzjoni għenet "kunsiderevolment" lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-ksur. Imbagħad, din tirrikonoxxi mingħajr ekwivoku li r-rikorrenti kienet sors "importanti" għall-konklużjonijiet dwar il-fatti li waslet għalihom u li kienet "l-unika waħda" li pprovdiet il-listi tal-prezzijiet skambjati matul il-laqgħat. Dokumenti bħal dawn huma ta' importanza ċara sabiex tintwera l-eżistenza ta' ksur, bħall-ksur ta' dan il-każ, li jikkonsisti essenzjalment fl-iskambju ta' informazzjoni sensittiva fuq il-listi tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet għal kull klijent u l-ftehim fuq l-għoli tal-prezzijiet u/jew il-prezzijiet immirati. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni enfasizzat li r-rikorrenti "ma llimitatx ruħha" li tipprovdi informazzjoni dwar il-fatti, iżda għaddiet ukoll "provi importanti".

145 L-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni intiżi li jnaqqsu l-portata tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti kif deskritta fid-deċiżjoni kkontestata ma humiex daqstant konvinċenti. Fil-fatt, ir-raġuni li l-Kummissjoni kienet diġà kisbet numru relattivament kbir ta' informazzjoni permezz tal-investigazzjonijiet u l-kooperazzjoni ta' Coats, ma tistax għaldaqstant, fiha nnifisha, tnaqqas l-importanza tar-rwol tar-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva. Anki fil-każ li, bħalma ssostni l-Kummissjoni, hija kienet diġà ġiet informata minn Coats bid-diversi laqgħat imsemmija mir-rikorrenti, xorta jibqa' l-fatt li mill-premessi 131, 133, 135, 137, 139 u 146 tad-deċiżjoni kkontestata

jirriżulta li r-rikorrenti hija ta' spiss iċċitata bħala sors, saħansitra bħala l-uniku sors ta' informazzjoni dwar dawn il-laqgħat.

146 F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tipprova wkoll iċċekken il-kooperazzjoni tar-rikorrenti fl-investigazzjoni billi ssostni li huwa r-riferiment frekwenti għal-listi tal-prezzijiet li jagħtu l-impressjoni li hija tirreferi ta' spiss għad-dokumenti tar-rikorrenti. Bil-kontra, dawn ir-riferimenti frekwenti għall-Anness 14 mgħoddi mir-rikorrenti u r-riferiment espliċitu għal dan tal-aħħar fil-premessa 393 tad-deċiżjoni kkontestata għandu tendenza juri l-importanza li l-Kummissjoni tat lil dawn il-provi. Kif ġie enfasizzat fil-punt 144 iktar 'il fuq, dawn il-provi huma ta' importanza saħansitra iktar ċara li l-ksur ikkonsista f'kartell tal-prezz.

147 Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti kienet, fil-parti l-kbira tagħha, dovuta għall-obbligu tagħha li tipproduċi d-dokumenti li ntalbulha fil-kuntest ta' talba valida għall-informazzjoni għandha tiġi miċħuda wkoll. Hemm lok li jitfakkar li kooperazzjoni fl-investigazzjoni li ma tmurx lil hinn minn dak li jirriżulta mill-obbligi li għandhom l-impriżi skont l-Artikolu 11(4) u (5) tar-Regolament Nru 17, ma tiġġustifikax tnaqqis tal-multa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 1992, Solvay vs Il-Kummissjoni, T-12/89, Ġabra p. II-907, punti 341 u 342). Min-naħa l-oħra, tali tnaqqis huwa ġġustifikat meta l-impriża tkun ipprovdiet informazzjoni li tmur tassew lil hinn minn dik li l-għoti tagħha jista' jintalab mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Mejju 1998, Cascades vs Il-Kummissjoni, T-308/94, Ġabra p. II-925, punti 260 u 262, u tad-9 ta' Lulju 2003, Daesang u Sewon Europe vs Il-Kummissjoni, T-230/00, Ġabra p. II-2733, punt 137). F'dan il-każ, il-Kummissjoni ammettiet espliċitament li r-rikorrenti ma llimitatx ruħha li tipprovdi informazzjoni dwar il-fatti, iżda kienet effettivament ipprovdiet provi importanti tal-ksur inkwistjoni.

148 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni fakkret li r-rikorrenti ma kkontestatx il-mertu tal-fatti li fuqhom huma bbażati l-akkużi tagħha.

149 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li l-kooperazzjoni ta' Amann, dik ta' Gütermann u dik ta' Zwicky ġew ikklassifikati bħala inutli meta mqabbla ma' dik tar-rikorrenti. Barra minn hekk, dawn it-tliet impriżi ma kkontestawx il-fatti "b'mod sostanzjali".

150 Għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-isforzi addizzjonali li għamlet ir-rikorrenti, din ġiet ikkumpensata biss bi tnaqqis ta' 5 % iktar minn dak li minnu bbenifikaw Amann, Gütermann u Zwicky, filwaqt li dawn ma kinux għamlu sforzi bħal dawn matul il-proċedura amministrattiva. Din id-differenza bejn it-tnaqqis tal-ammont tal-multa mogħti lir-rikorrenti u dak mogħti lit-tliet impriżi ċċitati iktar 'il fuq hija irraġonevolment żgħira.

151 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, hemm lok li jiġi kkunsidrat li t-tnaqqis ta' 20 % mogħti lir-rikorrenti abbażi tal-kooperazzjoni tagħha huwa insuffiċjenti u li, għaldaqstant, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

152 Minn dan isegwi li l-motiv ibbażat mir-rikorrenti fuq evalwazzjoni żbaljata tal-kooperazzjoni għandu jintlaqa'.

153 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tistabbilixxi rata xierqa ta' tnaqqis. Fil-fatt, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi b'kompetenza assoluta, fis-sens tal-Artikolu 229 KE, fuq ir-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni timponi multa u tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta. Fl-eżerċizzju tal-kompetenza assoluta tagħha, il-Qorti Ġenerali tqis li, abbażi tal-kooperazzjoni tagħha, ir-rikorrenti għandha tingħata, tnaqqis addizzjonali ta' 10 % ma' dak ta' 20 % diġà mogħti. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi applikat tnaqqis ta' 30 % tal-ammont tal-multa wara l-applikazzjoni tar-regola tal-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ, jiġifieri EUR 1,224 miljun, li jwassal sabiex l-ammont finali tal-multa imposta jiġi stabbilit għal EUR 856 800.

7. *Fuq it-talba għad-danni*

L-argumenti tal-partijiet

154 Ir-rikorrenti tikkonstata li l-Kummissjoni żvelat, bi żball, listi interni tal-prezzijiet li hija kienet għadditilha fil-kuntest tal-investigazzjoni dwar l-akkordju fis-suq tal-ħajt industrijali fil-Benelux u l-pajjiżi nordiċi. Ir-rikorrenti tqis li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni Ewropea tista' tapplika, peress li t-tliet kundizzjonijiet indispensabbli li ġejjin huma sodisfatti.

155 Skont ir-rikorrenti, l-ewwel waħda mill-kundizzjonijiet sabiex ikun hemm responsabbiltà, jiġifieri l-eżistenza ta' nuqqas mhux kuntrattwali, hija sodisfatta. Fil-fatt, din il-kundizzjoni timplika li jeħtieġ li dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi tkun inkisret b'mod suffiċjentement serju, u din hija s-sitwazzjoni f'dan il-każ.

156 Fl-ewwel lok, id-dispożizzjoni li fil-konfront tagħha ġie invokat il-ksur, jiġifieri l-obbligu ta' kunfidenzjalità previst fl-Artikolu 287 KE u l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

157 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li tali ksur ta' din id-dispożizzjoni legali huwa, fih innifsu, suffiċjentement serju. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni, tant hija inkontestabbli u mandatorja li tħalli biss rwol limitat ħafna lill-istituzzjoni kkonċernata, jekk mhux l-ebda marġni ta' diskrezzjoni.

158 Għal kull bon fini, ir-rikorrenti tagħmel analiżi konkreta tal-iżball sabiex turi li dan huwa "serju". Fl-ewwel lok, hija tirrileva li s-sigrieti kummerċjali li ma humiex marbuta mal-ksur inkwistjoni (jiġifieri l-listi tal-prezzijiet tas-snin 2002 u 2003 li jirrigwardaw l-Irlanda, Spanja., l-Italja u r-Renju Unit) jew li ma għandhomx rilevanza għalih (jiġifieri l-listi tal-prezzijiet fir-rigward tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja, madankollu bl-eċċezzjoni tas-snin 2000 u 2001) ġew żvelati. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma tistax issostni, b'mod raġonevoli, li ma kinitx taf, jew li ma kellhiex tkun taf, li din kienet informazzjoni fuq il-prezzijiet li hija estremament sensittiva u kunfidenzjali. Fuq dan is-suġġett, ir-rikorrenti tirreferi għall-punt 18 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' aċċess għal fajls tal-Kummissjoni fil-kawżi li jaqgħu taħt l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE, l-Artikoli 53, 54 u 57 tal-Ftehim ŻEE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ĠU 2005 C 325, p. 7). Ir-rikorrenti tqis li fl-ittra tagħha, tat-18 ta' April 2004, hija indikat ċarament in-natura kunfidenzjali tal-imsemmija informazzjoni u dan ġie, barra minn hekk, ikkonfermat mill-Kummissjoni nnifisha fl-ittra tagħha tal-15 ta' Jannar 2004. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ma ħadet ebda miżura sabiex tillimita d-dannu li hija kkawżat.

159 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-listi żvelati kienu jikkonċernaw ukoll pajjiżi oħra li ma kinux koperti mil-laqgħat dwar is-suq inkwistjoni, kif ukoll is-snin 2002 u 2003 u li l-imsemmija listi huma ħafna iktar iddettaljati u ħafna ikbar. Ir-rikorrenti tirrifjuta l-argument tal-Kummissjoni li dawn il-listi setgħu ma kinux kunfidenzjali. Fil-fatt, anki li kieku dan intalab minnha, hija qatt ma kienet taċċetta li tikkomunika l-istruttura tariffarja kompleta u dettaljata tagħha lill-kompetituri tagħha. Barra minn hekk, l-ipoteżi mressqa mill-Kummissjoni li hija setgħet tikseb deċiżjoni vinkolanti mill-Uffiċjal tas-Seduta, ma hijiex rilevanti peress li huwa stabbilit li l-Kummissjoni ma użatx il-proċedura "Akzo" u li, minħabba f'hekk, id-drittijiet u l-interessi tagħha ma ġew bl-ebda mod meħuda inkunsiderazzjoni.

160 Fir-rigward tad-dannu tagħha, ir-rikorrenti ssostni li dan jikkonsisti, minn naħa, f'*lucrum cessans* li jirrappreżenta d-differenza bejn il-qligħ li hija kienet tagħmel li kieku ma ġewx żvelati dawn il-listi tal-prezzijiet u dak li hija effettivament għamlet u, min-naħa l-oħra, fi spejjeż strutturali marbuta mal-bżonn li jiġi kkumpensat it-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ li rriżulta mit-telf tal-qligħ. Hija tenfasizza li d-dannu tagħha għadu ma huwiex manifestat kollu kemm hu, iżda parti minn dan id-dannu

jista' attwalment jiġi kkwantifikat u jirriżulta mit-telf tal-klijent prinċipali tagħha, jiġifieri VF Europe.

161 Skont ir-rikorrenti, ir-rabta kawżali bejn l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni u t-telf tal-klijent prinċipali tagħha hija wkoll stabbilita. Fil fatt, American & Efird saret taf (direttament u minn għand is-sussidjarja tagħha Bieze Stork) bl-istruttura tal-prezzijiet tar-rikorrenti u għaldaqstant setgħet tagħmel, lil VF Europe, offerti inqas minn dawk tar-rikorrenti. VF Europe kkonfermat li qatt ma għaddiet l-offerti tar-rikorrenti lil produtturi tal-ħajt oħra bħal American & Efird.

162 Il-Kummissjoni titlob li dan il-kap ta' talbiet jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

163 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, l-eżistenza tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, għal aġir illegali tal-istituzzjonijiet tagħha hija suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti, li huma l-illegalità tal-aġir li bih l-istituzzjoni tkun akkużata, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-29 ta' Settembru 1982, Oleifici Mediterranei vs KEE, 26/81, Ġabra p. 3057, punt 16, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Diċembru 2005, Beamglow vs Il-Parlament *et*, T-383/00, Ġabra p. II-5459, punt 95).

164 Peress li waħda mit-tliet kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità ma hijiex sodisfatta, il-pretensjonijiet ta' kumpens għandhom jiġu miċħuda, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-15 ta' Settembru 1994, KYDEP vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-146/91, Ġabra p. I-4199, punt 81, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-20 ta' Frar 2002, Förde-Reederei vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, T-170/00, Ġabra p. II-515, punt 37), billi, barra minn hekk, il-qorti Komunitarju ma hijiex marbut li

jsegwi ordni ta' eżami stabbilit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, C-257/98 P, Ġabra p. I-5251, punt 13).

165 F'dan ir-rigward, huwa importanti li, preliminarjament, jitfakkar li għal dak li jikkonċerna, qabel kollox, il-kundizzjoni tad-dannu, dan tal-aħħar għandu jkun reali u ċert (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-2 ta' Lulju 2003, Hameico Stuttgart *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, T-99/98, Ġabra p. II-2195, punt 67), kif ukoll li jista' jiġi valutat (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-16 ta' Jannar 1996, Candiotte vs Kunsill, T-108/94, Ġabra p. II-87, punt 54). Min-naħa l-oħra, dannu purament ipotetiku u indeterminat ma jagħtix dritt għal kumpens (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, Oleifici Italiani vs Il-Kummissjoni, T-267/94, Ġabra p. II-1239, punti 72 u 73).

166 Imbagħad, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar ir-rabta kawżali, għandu jiġi enfasizzat li l-Komunità ma tistax tiġi miżmuma responsabbli ħlief għad-dannu li jirriżulta, b'mod suffiċjentement diretti, mill-aġir irregolari tal-istituzzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier Frères *et* vs Il-Kunsill, 64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, Ġabra p. 3091, punt 21; is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tat-13 ta' Frar 2003, Meyer vs Il-Kummissjoni, T-333/01, Ġabra p. II-117, punt 32, u tas-27 ta' Novembru2007, Pitsiorlas vs Il-Kunsill u Il-BĊE, T-3/00 u T-337/04, Ġabra p. II-4779, punt 292). L-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' din ir-rabta kawżali, ċerta u diretta, bejn l-iżball imwettaq mill-istituzzjoni kkonċernata u d-dannu invokat, jaqa' fuq ir-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-15 ta' Jannar 1987, GAEC de la Ségaude vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, 253/84, Ġabra p. 123, punt 20, u tat-30 ta' Jannar 1992, Finsider *et* vs Il-Kummissjoni, C-363/88 u C-364/88, Ġabra p. I-359, punt 25; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 1998, Coldiretti *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, T-149/96, Ġabra p. II-3841, punt 101).

167 Fl-aħħar nett, hija l-parti li tinvoka r-responsabbiltà tal-Komunità li għandha tipprovdi l-provi konklużivi fir-rigward tal-eżistenza jew tal-portata tad-dannu li hija tinvoka u li tistabbilixxi, bejn dan id-dannu u l-aġir inkriminanti inkwistjoni tal-istituzzjoni, rabta suffiċjentement diretta ta' kawża u effett (sentenza, Dumortier *et* vs Il-Kunsill, punt 166 iktar 'il fuq, punt 21, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-24 ta' Ottubru 2000, Fresh Marine vs Il-Kummissjoni, T-178/98, Ġabra p. II-3331, punt 118).

168 F'dan ir-rigward, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-*lucrum cessans* u għaldaqstant, neċessarjament, il-valur tal-operazzjonijiet ekonomiċi ipotetiċi, jista' jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, għar-rikorrenti li tikkwantifika, b'mod eżatt, id-dannu li tallega li sostniet. F'każ bħal dan, il-qorti tista' tibbaża ruħha fuq stimi bbażati fuq il-medja tal-valuri statistiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Jannar 2000, Mulder *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-104/89 u C-37/90, Ġabra p. I-203, punti 63 sa 65). Madankollu, dan ma jeżentax lir-rikorrenti minn kull obbligu li tressaq provi rigward id-dannu invokat. Fil-fatt, minkejja li l-valur tal-*lucrum cessans* jirrappreżenta neċessarjament data ipotetika li għandha tiġi stmata minħabba li ma tistax tiġi kkalkolata b'ċertezza, jibqa' xorta waħda l-fatt li d-data li fuqha din l-istima tkun ibbażata tista' — u għandha, sa fejn possibbli — tiġi pprovata mill-parti li tkun qed tinvokaha (Digriet tal-Qorti Ġenerali, tad-29 ta' Awwissu 2007, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, T-186/05, Ġabra p. II-94, punt 27).

169 Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li għandu jiġi eżaminat jekk, l-iżvelar, bi żball, tal-listi tal-prezzijiet tar-rikorrenti, minbarra dawk li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti rrinunzjat għall-kunfidenzjalità, jwassalx għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità.

170 L-ewwel nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet għall-eżistenza ta' responsabblità mhux kuntrattwali tal-Komunità hija nieqsa.

171 Fir-rigward tad-dannu invokat mir-rikorrenti, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-fehma tagħha, dan ma jikkonsistix biss fi tnaqqis ċar tal-qligħ tagħha wara t-telf tal-klijent prinċipali tagħha, iżda wkoll f'telf ta' qligħ ieħor li hija tallega li qiegħda ssostni kuljum kif ukoll spejjeż strutturali marbuta mal-bżonn li jiġi kkumpensat it-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ tagħha li jirriżulta mit-telf ta' qligħ.

172 Minn naħa, għal dak li jikkonċerna t-"telf ieħor ta' qligħ" u l-ispejjeż strutturali, r-rikorrenti ma tipproduċix provi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk dawn l-elementi ta' dannu humiex reali u ċerti.

173 F'dan ir-rigward, l-unika prova pprovduta mir-rikorrenti hija tabella li turi tnaqqis sinjifikattiv tad-dħul mill-bejgħ tagħha bejn Mejju 2003 u Jannar 2004, jiġifieri qabel l-iżvelar tal-informazzjoni allegatament kunfidenzjali. Jekk kien hemm dannu, dan ma jistax fi kwanunkwe każ jinkludi t-telf ta' qligħ matul dan il-perijodu.

174 Min-naħa l-oħra, għal dak li jikkonċerna t-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ wara t-telf tal-klijent prinċipali, fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat li l-kuntratt bejn dan tal-aħħar u kompetitur tar-rikorrenti ġie ffirmat biss għal perijodu ta' sentejn, jiġifieri għas-snin 2005 u 2006. Għaldaqstant, sa mis-sena 2007, xejn ma kien ifixkel lir-rikorrenti milli terġa' tirbaħ mill-ġdid dan il-klijent li hija kienet tilfet. Konsegwentement, lil hinn mis-snin 2005 u 2006, id-dannu ma jistax, fi kwalunkwe każ, jiġi kkunsidrat bħala reali u ċert.

175 Fit-tieni lok, il-provi prodotti mir-rikorrenti sabiex turi li d-dannu kien reali huma oskuri. Fil-fatt, it-tabella riprodotta fir-rikors, li hija intiża li turi t-tnaqqis fil-profitt gross li jirriżulta mit-telf, min-naħa tar-rikorrenti, tal-klijent prinċipali tagħha, tinkludi informazzjoni li r-realità tagħha ma hija sostnuta minn ebda dokument. Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed jinterpreta l-informazzjoni inkluża fit-tabella.

176 Madankollu, ma hemmx lok li jitkompla l-istħarriġ tal-kwistjoni ta' jekk din il-prova pprovduta mir-rikorrenti turix, suffiċjentement fil-liġi, il-parti tad-dannu li tirriżulta mit-telf tal-klijent tagħha, u għalhekk issa tista' tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tar-rabta kawżali bejn l-iżball u l-allegat dannu. Fil-fatt, anki li kieku d-dannu li jirriżulta mit-telf ta' VF Europe għas-snin 2005 u 2006 kien stabbilit, jibqa' l-fatt li ma jidhirx li l-kundizzjoni ta' rabta kawżali diretta bejn dan l-avveniment u l-iżball tal-Kummissjoni hija sodisfatta.

177 Fil-fatt, it-telf min-naħa tar-rikorrenti tal-klijent prinċipali tagħha, tista' perfettament tiġi spjegata mid-deċiżjoni tal-grupp VF Corporation USA li tiċċentralizza d-deċiżjonijiet tax-xiri tagħha. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li, f'ittra tat-2 ta' Marzu 2005, mibgħuta lill-Kummissjoni, jiġifieri wara l-iżvelar tal-listi

tal-prezzijiet, ir-rikorrenti tenfasizza hija nnifisha li ma għadhiex iktar VF Europe li tiddeċiedi dwar il-provvista tagħha u d-distribuzzjoni tal-ordnijiet iżda hija fil-fatt VF Corporation USA li tagħmel dan. Hija żżid tgħid li l-provvista tal-klijent prinċipali tagħha hija issa kompletament fdata lill-impriżi Anglo-Amerikani.

178 Id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li tidher fl-istess ittra li, fl-aħħar tas-sena 2004, hija pproponiet minn jeddha lill-klijent prinċipali tagħha tnaqqis tal-prezzijiet tagħha ta' 10 % minn Jannar 2005, għandha wkoll tendenza tikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rabta kawżali bejn l-aġir li bih il-Kummissjoni hija kkritikata u t-telf tal-imsemmi klijent. Fil-fatt, bħalma ġustament tenfasizza l-Kummissjoni, kieku kompetitur ried jipproponi prezzijiet iktar baxxi mill-prezzijiet preċedenti tar-rikorrenti, l-offerta ta' din tal-aħħar kienet xorta waħda tkun kunsiderevolment inqas. Għaldaqstant, l-għarfien possibbli tal-prezzijiet tar-rikorrenti ma jistax ikun l-vera raġuni għat-telf tal-klijent prinċipali tagħha.

179 Minn dan isegwi li l-kundizzjoni tar-rabta kawżali ma hijiex sodisfatta.

180 Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, it-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq l-ispejjeż

181 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

182 Billi r-rikors ġie parzjalment milqugħ, tkun qiegħda ssir evalwazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi tal-kawża jekk jiġi deċiż li r-rikorrenti għandha tbati 90 % tal-ispejjeż tagħha u 90 % tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni, filwaqt li l-Kummissjoni tbati 10 % tal-ispejjeż tagħha u 10 % tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-ammont tal-multa imposta fuq Belgian Sewing Thread (BST) NV fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 3452, tal-14 ta' Settembru 2005, relatata ma' proċedura taħt l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.337 — PO/Thread [Ħajt]), huwa ffissat għal EUR856 800**.

2) **Il-kumplament tat-talba għal annullament huwa miċħud.**

3) **It-talba għad-danni hija miċħuda.**

4) BST għandha tbati 90 % tal-ispejjeż tagħha u 90 % tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea għandha tbati 10 % tal-ispejjeż tagħha u 10 % tal-ispejjeż sostnuti minn BST.

Vilaras Prek Ciucă

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-28 ta' April 2010.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża ..... II - 1386

1. Is-suġġett tal-kawża ..... II - 1386

2. Il-proċedura amministrattiva ..... II - 1387

3. Id-deċizjoni kkontestata ..... II - 1388

Id-definizzjoni tas-suq inkwistjoni ..... II - 1388

Id-daqs u l-istruttura tas-suq inkwistjoni ..... II - 1389

Id-deskrizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ..... II - 1389

Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata ..... II - 1390

4. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ..... II - 1391

Id-dritt ..... II - 1393

5. Fuq it-talba għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata għal dak li jikkonċerna lir-rikorrenti ..... II - 1393

Osservazzjonijiet preliminari ..... II - 1393

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1394

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1394

6. Fuq it-talba għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata għal dak li jikkonċerna r-rikorrenti jew, sussidjarjament, għal tnaqqis tal-ammont tal-multa .... II - 1398

Fuq il-motiv ibbażat fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tal-ksur bħala "serju ħafna" .... II - 1398

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1398

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1399

Fuq il-motiv ibbażat fuq l-iffissar żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa u l-ammont tal-multa, kif ukoll fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fit-tieni kategorija ..... II - 1401

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1401

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1404

— Fuq l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs żgħir tas-suq inkwistjoni ..... II - 1404

— Fuq l-ilment ibbażat fuq l-allegata evalwazzjoni żbaljata tal-kapaċitŕ ekonomika effettiva tar-rikorrenti li tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni ..... II - 1407

— Fuq l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalitŕ minħabba l-applikazzjoni ta' ammont inizjali manifestament kbir ħafna meta mqabbel ma' dak applikat għal impriżi oħra kkonċernati ..... II - 1413

— Fuq l-ilment ibbażat fuq l-iffissar ta' ammont inizjali eċċessiv fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tar-rikorrenti ..... II - 1415

Fuq il-motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata taċ-ċirkustanzi attenwanti ..... II - 1416

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1416

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1418

Fuq il-motiv ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-kooperazzjoni ..... II - 1425

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1425

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1426

7. Fuq it-talba għad-danni ..... II - 1432

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 1432

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 1434

Fuq l-ispejjeż ..... II - 1438